**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

Illum, 5 ta' Frar 2024

Każ Numru: 157/2010

**IL-PULIZIJA**
**vs**
**Andy (Andre) Zammit**
(Detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 372375 (M))

**Il-Qorti:**

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat, Andy (Andre) Zammit ta' 34 sena, iben Joseph u Rosanna xebba nee' Callus, imwieled Pieta', nhar it-13 ta' Lulju 1975, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 372375 (M) u residenti Blk C, Flat 2, Triq Berta K llG Ta' Giorni:

U akkużat talli fix-xhur ta' Awwissu u Settembru 2009, f'dawn il-Gżejjer, flimkien ma persuni oħra, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda:

a. B'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz jew ta' ħila jew ta' setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti

immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ b'qerq ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37c) għad-detriment ta' United Equipment Co. Ltd. li tinsab 40, Burmarrad Road, Burmarrad;

b. B'meżżi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz jew ta' ħila jew ta' setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ b'qerq ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37c) għad-detriment

c. B'meżżi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz jew ta' ħila jew ta' setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ b'qerq ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37c) għad-detriment Norman Galea u Christopher Galea proprjetarji ta' Freddie's Household Co. Ltd li tinsab Eucharistic, Congress Road, Mosta;

d. B'meżżi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz jew ta' ħila jew ta' setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ b'qerq ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37c) għad-detriment Alfred Bugeja, proprjetarju ta' Right Deal Ltd, Bormla;

e. B'meżżi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz jew ta' ħila jew ta' setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti

immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ b'qerq ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37c) għad-detriment ta' Ventura General Gas Limited, li tinsab ġewwa Aldo Moro, Marsa;

f. B'meżżi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz jew ta' ħila jew ta' setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ b'qerq ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37c) għad-detriment Zahra Enterprises Limited, li tinsab fi Triq Santa Katerina, Attard;

g. B'meżżi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz jew ta' ħila jew ta' setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ b'qerq ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37c) għad-detriment Associated Motors Co. Ltd, li tinsab fi Mrieħel Bypass, Mrieħel;

h. B'meżżi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz jew ta' ħila jew ta' setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ b'qerq ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37c) għad-detriment ta' Etienne Grima Industrial Supplies li tinsab f'Imdina Road, Żebbuġ;

i. B'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz jew ta' ħila jew ta' setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ b'qerq ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37c) għad-detriment ta' Sound Machine Limited li tinsab fi Psaila Street, Birkirkara;

j. B'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz jew ta' ħila jew ta' setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ b'qerq ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37c) għad-detriment ta' William Gatt, propjetarju ta' GW Installations and Services li tinsab f'99 Eucharistic Congress, Mosta;

k. B'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz jew ta' ħila jew ta' setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ b'qerq ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37c) għad-detriment ta' Norbert Attard bin-numru tal-karta tal-identita' numru 351969 (M);

l. B'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz jew ta' ħila jew ta' setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ b'qerq ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin

ċenteżmu (€2,329.37c) għad-detriment ta' JDS Supplies Ltd. Li tinsab f'106, Old Railway Road, Santa Venera;

m. B'meżżi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz jew ta' ħila jew ta' setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ b'qerq ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37c) għad-detriment ta' Visual Electronics li jinsab f'Hompesh Road, Fgura;

n. B'meżżi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz jew ta' ħila jew ta' setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ b'qerq ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37c) għad-detriment ta' Crosscraft li jinsb fi Triq is-Sebħ, Qormi;

o. B'meżżi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz jew ta' ħila jew ta' setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ b'qerq ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37c) għad-detriment ta' Coleiro General Supplies Ltd. Li jinsab fi Triq il-Wied, Birkirkara;

p. B'meżżi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz jew ta' ħila jew ta' setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ b'qerq ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94)

iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37c) għad-detriment ta' Home Trends, li tinsab ġewwa il-Qasam Industrijali ta' San Ġwann;

q. B'meżżi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz jew ta' ħila jew ta' setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ b'qerq ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37c) għad-detriment ta' Pit Stop li jinsab fi Triq Ġuże Ellul Mercer, Qormi;

r. B'meżżi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz jew ta' ħila jew ta' setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ b'qerq ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37c) għad-detriment ta' Tip Top li jinsab fil-Fgura;

s. B'meżżi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz jew ta' ħila jew ta' setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ b'qerq ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37c) għad-detriment ta' Forestals li jinsab fil-Gżira/Mrieħel/B'Kara;

t. B'meżżi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz jew ta' ħila jew ta' setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ b'qerq ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu

(€2,329.37c) billi xtraw erba' LCD televisions tad-ditta Sepia għad-detriment ta' Brian Vella;

u. B'meżżi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz jew ta' ħila jew ta' setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ b'qerq ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37c) billi xtraw żewġ kumpressuri għad-detriment ta' R Grech & Sons Ltd;

v. B'meżżi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz jew ta' ħila jew ta' setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ b'qerq ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37c) għad-detriment ta' Top Choice sitwati fil-Ħamrun;

w. B'meżżi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz jew ta' ħila jew ta' setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ b'qerq ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37c) għad-detriment ta' Compleet IS sitwat fl-Mrieħel;

x. U aktar talli fit-2 ta' Settembru 2009 jew fix-xhur ta' qabel din id-data f'dawn il-Gżejjer, flimkien ma persuni oħra ikkommetta serq ta' cheque book għad-dannu ta' Vittorio Maria Cuschieri u/jew persuna/i oħra;

y. Talli bejn it-2 u t-3 ta' Ġunju 2009 minn Triq Patri Wistin Magro (Burmarrad), San Pawl il-Baħar ikkommetta serq ta' vettura ta' l-għamla Sierra Cosworth bin-numru ta' reġistrazzjoni esteru F605UMD, liema serq huwa kwalifikat bil-ħin, bix-xorta tal-ħaġa

misruqa, bil-mezz u bil-valur li jeċċedi l-elfejn tlett mija u tletin ewro għad-dannu ta' Darren Pisani u/jew persuna/i oħra;

z. Talli bejn it-2 u t-3 ta' Ġunju 2009 minn Triq Patri Wistin Magro (Burmarrad), San Pawl il-Baħar ikkommetta serq ta' sett numri ta' reġistrazzjoni ta' vettura b'numru GAC208, liema serq huwa kwalifikat bil-ħin, bix-xorta tal-ħaġa misruqa, bil-mezz u bix-xorta tal-ħaġa misruqa u sar għad-dannu ta' Darren Pisani u/jew persuna/i oħra;

aa. U fl-aħħar nett talli fl-istess dati, lok, ħinijiet u ċirkostanzi xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruq li ġew meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;

bb. U aktar talli kkommetta reat li għalih hemm piena ta' priġunerija fil-perjodu operattiv ta' sentenza ta' priġunerija sospiża datata 12 ta' Novembru 2008;

cc. U talli jinsab reċidiv b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Filwaqt li l-Pulizija Eżekuttiva esebiet l-Att ta' Twelid kif ukoll il-fedina penali tal-imputat, talbet li dan il-każ jiġi investigat skond il-liġi.

Rat illi fis-seduta tat-23 ta' Settembru 2013 filwaqt li l-Qorti ordnat li l-proċeduri jerġgħu jibdew mill-ġdid, il-partijiet eżentaw lill-Qorti mis-smiegħ mill-ġdid tal-provi.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali li permezz tagħha bagħat lill-imputat Andy (Andre') Zammit biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali taħt:

- L-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- (a) L-artikoli 308 u 310 (1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

- (b) L-artikoli 308 u 310 (1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- (c) L-artikoli 308 u 310 (1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- (d) L-artikoli 308 u 310 (1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- (e) L-artikoli 308 u 310 (1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- (f) L-artikoli 308 u 310 (1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- (g) L-artikoli 308 u 310 (1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- (h) L-artikoli 308 u 310 (1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- (i) L-artikoli 308 u 310 (1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- (j) L-artikoli 308 u 310 (1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- (k) L-artikoli 308 u 310 (1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- (l) L-artikoli 308 u 310 (1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- (m) L-artikoli 308 u 310 (1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- (n) L-artikoli 308 u 310 (1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- (o) L-artikoli 308 u 310 (1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- (p) L-artikoli 308 u 310 (1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- (q) L-artikoli 308 u 310 (1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- (r) L-artikoli 308 u 310 (1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- (s) L-artikoli 308 u 310 (1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- (t) L-artikoli 308 u 310 (1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- (u) L-artikoli 308 u 310 (1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- (v) L-artikoli 308 u 310 (1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- (w) L-artikoli 308 u 310 (1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- (x) L-artikoli 284 u 285 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- (y) L-artikoli 261(ċ), 261(f), 261(ġ), 267, 279(b), 270, 271(ġ), 280(1) u 285 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- (z) L-artikoli 261(f), 261(b), 261(ġ), 270, 263, 271(ġ) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- (aa) L-artikoli 334 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- (bb) L-artikoli 28B, 28Ċ, 28E u 28F tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- (cc) L-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi fis-seduta tal-4 ta' Ġunju 2018, l-Uffiċjal Prosekutur iddikjara illi ma għandux aktar provi xi jressaq;

Rat illi waqt l-istess seduta tal-4 ta' Ġunju 2018 ġew moqrija l-artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali, u l-imputat iddikjara li ma kellux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat u deċiż minn din il-Qorti bi proċedura sommarja;

Rat illi fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2019, d-difiża ddikjarat illi ma għandhiex aktar provi xi tressaq;

Rat id-Digriet tal-Assenjazzjoni ta' Kawżi u Doveri datat 9 ta' Marzu 2023 permezz ta' liema din il-proċedura ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif inhi ppreseduta, kif ukoll l-eżenzjoni tal-partijiet mis-smiegħ mill-ġdid tal-provi minn din il-Qorti kif presjeduta;

Rat ix-xhieda;

Rat l-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u d-dokumenti esebiti;

Rat is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-imputat;

**Ikkunsidrat:**

**A. <u>Fatti tal-każ</u>**

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi:

1. **Alan Bartolo** xehed kif huwa kien qiegħed jiskonta sentejn ħabs fuq frodi u serq. Ix-xhud xehed kif Youssef Essesi kien sgassa letterbox u sab chequebook. Essesi kien mar jiltaqa ma l-imputat u staqsih x'jistgħu jagħmlu b'dan ic-chequebook. L-imputat beda jixtri xi affarijiet minn ġo ħwienet u beda jibgħat lil Youssef Essesi biex jiġbor l-

affarijiet u jħallas bic-chequebook. Ix-xhud sostna li ġieli anke hu mar jiġbor ix-xogħol u dan għax kienu jibgħatuh l-imputat jew Essesi. L-affarijiet kienu jinġarru fil-van tal-imputat u kienu jitpoġġew f'żewġ garaxxijiet, wieħed kien ta' ċertu Gilbert Xuereb, u l-ieħor kien mikri fuq ix-xhud.

Ix-xhud xehed li l-karozza tat-Tip Ford Sierra Cosworth kienu marru jisirquha hu, Gilbert, Redeemer, Youssef Essesi u l-imputat. Il-karozza kienu ħaduha fil-garage ta' Gilbert. Ix-xhud spjega li l-imputat mill-karozza ma ħa xejn, iżda kien mar magħhom għax huma kienu jagħmlu kollox flimkien.

Fil-kontro-eżami tiegħu x-xhud sostna li hu u Youssef Essesi kienu ħbieb.

2. **PS 839 Stephen Micallef** xehed illi fil-25 ta' Settembru 2009 huwa kien xogħol filgħodu ġewwa l-għassa ta' Birkirkara fejn kien ġie infurmat illi fi Triq Grossetto, Birkirkara kienu nstabu xi affarijiet li kienu suspettati li kienu misruqa. Kien hemm żewġ kumpressuri tal-AC, u televixin mitluqin fil-komun ta' garaxxijiet. Il-pulizija ssuspettaw li dawn l-affarijiet kienu ġo garaxx li kien mikri lil ċertu Gilbert Xuereb. Għalhekk il-pulizija bagħtet għalih ġewwa l-għassa tal-pulizija u talbitu ċ-ċwievet tal-garage iżda Gilbert Xuereb sostna li ċ-ċwievet kienu għand il-ħabib tiegħu. Gilbert Xuereb ma riedx jgħid lix-xhud min kien dan il-ħabib tiegħu. Finalment Gilbert Xuereb informa lix-xhud li huwa kien lest li jgħid min hi l-persuna li kellha ċ-ċwievet lill-Ispettur biss, u li f'dak il-garage kien hemm karozza Ford Sierra Cosworth li kienet misruqa.

3. **PS 143 Stephen Grech** xehed kif fil-25 ta' Settembru 2009, għal ħabta tas-siegħa u għoxrin il-pulizija ġiet infurmata li kienet qiegħda sseħħ serqa. Il-pulizija kienu marru fit-triq msemmija iżda ndunaw li ħwienet f'dik it-triq ma kienx hemm. Daru dawra u fi Triq Grosetto sabu gate ta' garaxxijiet li kienet miftuħa. Daħlu ġewwa u sabu LCD screen tad-ditta Sony Bravia u żewġ kaxxi tal-għodda. Daru il-garaxxijiet kollha, iżda kollha kienu msakkrin.

Il-pulizija baqgħu fuq il-post u f'mument minnhom semgħu lil PC 1408 jgħajjat li ra xi persuni qegħdin jaħarbu minn naħa tat-triq l-oħra. Minkejja li l-pulizija għamlet ronda, ma rnexxielhom jaraw l-ebda persuna suspettuża.

4. **PC 1148 Adrian Zahra** xehed li fil-25 ta' Settembru 2009 għal ħabta tas-siegħa u għoxrin ta' filgħodu ġew infurmati mill-control room li fi Triq is-Sisla ġewwa is-Swatar kien hemm xi nies suspettużi.

   Huma marru fuq il-post u f'common area u cjoe f'daħla ta' garaxxijiet li kienet miftuħa sabu żewġ trolleys tal-għodda u LCD Sony. Sabu wkoll irċevuta tas-Sony li fiha kien hemm id-dettalji tal-persuna li nħarġitilha l-irċevuta. Is-Surġent ċempel lil din il-persuna.

   Sostna li l-pulizija baqgħu fuq il-post u anke bdew iduru l-garaxxijiet wieħed, wieħed iżda ma kienu sabu xejn.

5. **L-Ispettur Yvonne Farrugia** xehdet kif il-pulizija tal-Economic Crime Unit kienet irċeviet diversi rapporti fosthom mingħand General Gas Ltd, Sound Machine u R. Grech and Sons Ltd fejn sostnew li kienu rċevew diversi ordnijiet ta' xi HiFi u anke white good permezz ta' telephone call u kienu talbuhom sabiex jiġu delivered f'post partikolari u kienu tħallsu permezz ta' ċekkijiet maħruġa minn V & M Cuschieri. Meta marru biex isarfu dawn iċ-ċekkijiet kien irriżultalhom li dawn iċ-ċekkijiet kienu misruqa.

   Ix-xhud irriżultalha li kienu daħlu anke xi rapporti oħra ġewwa Tas-Sliema. Fil-frattemp il-pulizija daħlitilha nformazzjoni li ċertu Youssef Essesi u Gilbert Xuereb kienu nvoluti f'dan it-tip ta' frodi.

   L-ispettur irriżultalha wkoll li kienet għaddejja investigazzjoni min-naħa tal-Ispettur ta' Birkirkara u kien hemm għaddejja anke inkjesta fejn kienu nstabu xi garaxxijiet mimlija HiFi u oġġetti oħra li kienu qegħdin jiġu ordnati bit-telephone. Minn din l-investigazzjoni kien irriżulta li kien hemm involuti Youssef Essesi, Gilbert Xuereb, Alan Bartolo, Redimer Bellizzi u l-imputat Andy Zammit.

   Fuq l-imputat, ix-xhud kienet irċeviet tlett rapporti mingħand General Gas, Sound Machine u R. Grech and Sons Limited.

Ix-xhud esebiet numru ta' ċekkijiet li bihom tħallsu diversi kumpaniji liema ċekkijiet irriżulta li kienu misruqa.

Ix-xhud sostniet li hija kienet l-aktar involuta fl-investigazzjonijiet ta' Youssef Essesi u Gilbert Xuereb. Waqt l-istqarrija tiegħu Gilbert Xuereb kien semma diversi persuni fosthom l-imputat fejn skond l-istess Gilbert Xuereb, dawn il-persuni inkluż l-imputat kienu involuti f'xi serqa ta' Sierra Cosworth minn Burmarrad.

6. **PS1270 Antoine Zammit** xehed kif fil-25 ta' Settembru 2009 għal ħabta tan-nofs siegħa ta' filgħodu daħlet telefonata ġewwa l-għassa ta' Birkirkara fejn il-pulizija kienet ġiet infurmata li kien hemm xi erba' irġiel li kienu qegħdin jagħmlu serqa ġewwa garaxx fi Triq Grossetto, Birkirkara.

Ix-xhud flimkien ma xi pulizija oħra marru fuq il-post u x'ħin daħlu ġo drive-in ta' garaxxijiet li kienet mudlama raw raġel li telaq jiġri. Il-pulizija talbuh sabiex jieqaf iżda r-raġel baqa' jiġri u peress li d-drive-in hija kbira u tinfed mat-triq l-oħra, ir-raġel ħarab mit-triq l-oħra. Minħabba li d-drive-in hija kbira ġiet mitluba l-assistenza tal-mobile squad u għamlu tfittxija fid-drive in kollha li kienet tikkonsisti f'erba' u sebgħin garaxx.

Fl-entratura ta' Triq Grossetto, ix-xhud innota li kien hemm żewġ kaxxi tal-għodda, air condition u TFT screen ilkoll mitluqin. Ix-xhud spezzjona l-garaxxijiet kollha iżda ma sab ebda garaxx sgassat, pero nnota li fl-aħħar garaxx li kien l-isfel nett fil-kantuniera kien hemm grif li kien għadu frisk mal-art u mal-konkos.

Ix-xhud ittawwal mit-tieqa tal-garaxx u ra li kien hemm l-istess tip ta' kaxxi fil-garage. Għalhekk huwa informa lill-Ispettur Taliana. L-istess xhud inzerta kien jaf anzjan li kien jgħix fl-akkwati. Dan l-anzjan infurmah li dak il-garaxx kien ta' ċertu wieħed John Camilleri. John Camilleri informa lix-xhud li huwa kien jikri l-garaxx lil ċertu Gilbert Xuereb.

Ix-xhud informa b'dan il-fatt lill-Ispettur Elton Taliana, ħalla fixed point fuq il-post u l-għada irriżulta li meta fetħu l-garaxx kienu sabu diversi oġġetti, fosthom vettura Ford Sierra, u kien hemm ħafna affarijiet oħra fosthom appliances ġol-kaxxi.

Ix-xhud esebixxa lil Qorti l-okkorrenza tal-każ li ħejja huwa stess, liema dokument ġie mmarkat bħala DOK 5.

7. **PC 1148 Adrian Zahra** xehed kif fil-25 ta' Settembru 2009 għal ħabta tas-siegħa u għoxrin ta' filgħodu ġew infurmati mill-control room illi fi Triq Grossetto kien hemm erba' min-nies mgħamdin.

   Il-pulizija marru fuq il-post fejn innutaw li ħwienet f'dik l-akkwata ma kienx hemm. Kien hemm drive in ta' garaxxijiet miftuħa u l-pulizija daħlet ġo fiha. Fuq il-post instabu air condition, Sony LCD 42" u żewġ trollies tal-għodda li jużaw il-mechanics, kollox ġdid. Il-pulizija ra persuna taħrab min naħa ta' wara l-garaxxijiet, saret search iżda l-persuna kienet laħqet ħarbet.

8. **PC 1138 Andre' Spiteri** xehed li huwa kien xogħol ma PS 1074 u għal ħabta tas- tas-siegħa u għoxrin ta' filgħodu ġew infurmati mill-control room illi fi Triq Grossetto kien hemm erba' min-nies mgħammdin. Marru fuq il-post, saret tfittxija iżda ma sabu lil ħadd. Sabu basement miftuħ u fil-common area tal-basement sabu Sony LCD 42", żewġ trollies tal-għodda u oġġetti oħrajn.

9. **Steve Mangion** xehed li huwa stock analyst ma kumpanija jisimha Hudson. Xehed kif f'Lulju u Awwissu tas-sena 2009 kienu ċemplulu mill-għassa ta' San Ġiljan u talbuh sabiex imur jiċċekkja ċekk li fuq wara tiegħu kien hemm in-numru tal-karta tal-identita' tiegħu u minn hemm l-hemm beda jirċievi diversi telefonati mingħand diversi ħwienet differenti fejn kien qed jiġi nfurmat li xi ħadd xtara mingħandhom b'ċekk li fuq wara kellu n-numru tal-karta tal-identita' tiegħu. Għalhekk tal-ħwienet kienu jaħsbu li kien hu l-persuna li kien xtara l-prodotti mingħandhom, meta dan ma kienx il-każ.

   Ix-xhud sostna li huwa qatt ma kellu cheque book. Xehed li l-karta' tal-identita' tiegħu hija 200179M filwaqt li in-numru tal-mobile ċellulari tiegħu huwa 79093723. Huwa xehed li joqgħod il-Fgura u fl-awla ma kien qed jagħraf lill-ebda individwu partikolari mill-Fgura.

10. **PS 1174 Luke Stivala** xehed li fil-25 ta' Settembru 2009 għal ħabta tas-siegħa u għoxrin ta' filgħodu kienu ġew infurmati li kien hemm vann li ġo fih kien hemm erba'

persuni mgħammdin. Il-pulizija niżlu immedjatament ġewwa Triq is-Sisla, s-Swatar, daru l-akwati u ma sabu xejn żgassat.

Kif niżlu fi Triq Grossetto, x-xhud induna li kien hemm bieb ta' garaxx li kien daqsxejn imbexxaq. Ittawwal ġewwa u sab li kien hemm 50 inch Sony LCD, ġol-kaxxa, ippakkjat u bl-invioce. Kien hemm air condition unit ġol-kaxxa, kollox ġdid u kien hemm żewġ trolleys minn dawk tal-għodda tal-mechanics, ġodda fjamanti.

Minħabba li kienu sabu invoice u fiha kien hemm indirizz ta' persuna u anke mobile number, ix-xhud ċempillu u staqsih jekk jafx b'xi televixin u jekk huwiex minn Birkirkara. Il-persuna kienet informatu li huwa ma jafx b'dan it-televixin, u huwa ma huwiex minn Birkirkara.

Il-persuna nfurmatu wkoll li huwa kien tilef l-karta' tal-identita' tiegħu u l-pulizija kienet kelmitu għaliex kien hemm ċertu xiri li kien qed isir bin-numru tal-karta tal-identita' tiegħu. Xehed kif PC 1408 kien ra lil xi ħadd jiġri min-naħa l-oħra tat-triq, li iżda x'ħin marru, il-pulizija ma sabu lil ħadd.

Imbagħad il-pulizija bdiet iddur il-garaxxijiet. F'garage minnhom kien hemm karozza mgħottija u xi kaxxi iżda ma setgħux jidħlu ġo fih. Aktar l'isfel kien hemm garage miftuħ li kellu xi affarijiet relatati mal-istess affarijiet u tad-distrett sabu li ġo dan il-garage kien hemm ħafna appliances.

11. **Audrey Ghigo bħala rappreżentanta tal-HSBC Bank Malta plc** xehdet kif hija kienet ġiet mitluba sabiex tagħmel riċerka dwar accounts li Vittorio Maria Cuschieri kellu mal-bank u jekk kienx hemm xi stop payments u meta ġew mitluba dawn l-istop payments.

    Ix-xhud xehdet li Vittorio Maria Cuschieri kellu seba' kontijiet mal-HSBC Bank Malta plc u ezebiet l-istatements tagħhom. Xehdet ukoll kif kien hemm diversi stop payments fuq xi ċekkijiet li iżda ma tafx id-dati ta' meta ntalbu dawl l-istop payments.

12. **Is-Supretendent Martin Sammut** xehed kif kien hemm sensiela ta' rapporti fejn kien qed jiġi allegat li kien hemm cheque book misruq u kien qiegħed jintuża sabiex jinxtraw

xi affarijiet b'mod partikolari white goods. Dawn l-ordnijiet kienu qegħdin isiru billi jkun hemm xi ħadd li kien iċempel lil tal-ħwienet u jagħmel ordni u jitlobhom sabiex issirlu delivery ġewwa ta' Giorni San Ġiljan. Kien qiegħed ikun hemm persuna li tiltaqa ma tad-delivery qrib l-iskola tal-Għarab, San Ġiljan u mbagħad jidderiġih għal xi garaxx partikolari. Dak li jkun qed jistenna lil tad-delivery jinfurmah li l-imgħallem ma kienx qiegħed hemm, jitolbu jistenna ftit sakemm iċempel lill-imgħallem, imbagħad tad-delivery jiġi infurmat li l-imgħallem qiegħed il-bogħod u jiġi mitlub sabiex iħalli l-affarijiet fuq il-bankina filwaqt li jingħata ċ-ċekk. Sussegwentament jirriżulta li ċ-ċekk kien misruq u li d-dettalji u dak kollu li hemm miktub fuq iċ-ċekk kien falz u għalhekk kienet tidħol il-pulizija sabiex jiġi nvestigat dak it-tip ta' frodi.

Ix-xhud daħlitlu nformazzjoni kunfidenzjali li l-persuni nvoluti kienu Joseph Bartolo, Alan Bartolo, David Bartolo u Youssef Essesi. Għalhekk dawn il-persuni ġew arrestati fejn irriżulta li Joseph Bartolo u David Bartolo ma kellhomx x'jaqsmu, filwaqt li Youssef Essesi indika lill-imputat Andy Zammit fejn skond l-istess Essesi l-imputat kien pjuttost il-moħħ, il-master mind wara dan kollu.

13. **Sandro Fava** xehed li huwa s-sid tal-garage bla numru u bla isem li jiġi t-tieni wieħed, liema garage jinsab fi Triq Grossetto, Birkirkara. Il-garage jinsab fis-semi basement u qiegħed ma diversi garaxxijiet oħra. Ix-xhud sostna li fiż-żmien li kellmuh il-pulizija l-garage kien mikri lil Alan Bartolo u esebixxa l-kuntratt tal-kera.

14. **Brian Avellino** xehed u ppreżenta dokument immarkat DOK 17 u cjoe kopja legali ta' process verbal redatt mill-Maġistrat Inkwerenti Dr. Doreen Clarke fil-25 ta' Settembru 2009, dwar appliances li nstabu f'daħla ta' garaxxijiet fi Triq Grossetto Birkirkara. Esebixxa wkoll kopja legali ta' process verbal redat mill-Maġistrat Dr. Joseph Apap Bologna tat-3 ta' Ġunju 2009, dwar serq bi sgass minn garaxxijiet li jinsabu fi Triq Patri Wistin Magro, Burmarrad li ġiet mmarkata DOK 18.

15. **Stephen Cachia in rappreżentanza ta' Transport Malta** xehed li l-vettura bin-numru GAC 208 hija tal-għamla Ford Sierra ta' kulur maroon u ilha reġistrata fuq Rueben Micallef sa mill-15 ta' Mejju 2008. Ix-xhud sostna li fuq il-vettura bin-numru F605UMD Transport Malta m'għandhiex records għax hija vettura reġistrata barra minn Malta.

16. **PS 455 Manuel Sammut** xehed kif fit-13 ta' Ġunju 2009 kellu rapport minn Darren Pisani li xi ħadd mhux magħruf kien niżel fil-garage tiegħu u seraq il-karozza ta' sieħbu Ford Sierra minn ġo l-istess garage. Il-karozza kienet ta' Reuben Micallef. Ix-xhud esebixxa r-rapport li ġie mmarkat Dok ES 1.

17. **L-Ispettur Elton Taliana** xehed u esebixxa bħala Dok ET 1 kopja awtentikata tal-proċess il-Pulizija vs Youssef Essesi u Gilbert Xuereb kumpilazzjoni numru 1002/2009 fejn fiha taw ix-xhieda tagħhom diversi persuni fosthom impjegati u rappreżentanti ta' Unique Equipment Co. Ltd, Digital Planet Ltd, Freddie's Household Co. Ltd, Right Deal Ltd, Ventura General Gas Ltd, Zahra Enterprises Ltd, Associated Motors Co. Ltd, Sound Machine Limited, Crosscraft, Home Trends u Forestals;

    Sussegwentament l-Ispettur reġa xehed fejn sostna li fil-25 ta' Settembru 2009, għal xi n-nofs siegħa ta' filgħodu huwa kien ġie nfurmat mis-surġent 1270 Antoine Zammit li kien hemm xi nies mgħammda li kienu qegħdin jiġru fi Triq Grossetto, Birkirkara. Kienet anke ntalbet l-assistenza tal-mobile squad biex ifittxu lil dawn il-persuni, iżda il-pulizija baqgħu ma sabuhomx.

    Pero f'daħla ta' garaxxijiet fi Triq Grossetto stess kien hemm żewġ trollies li kien fihom diversi oġġetti fosthom airconditions, white goods u anke affarijiet elettroniċi. Il-pulizija kompliet bit-tfittxija tagħhom fid-daħla ta' dawn il-garaxxijiet u anke tħalliet fixed point fuq il-post. Aktar tard, is-surġent 839 Stephen Micallef kien informa lix-xhud li kien hemm garage bin-numru 32, li kellu tieqa u meta ttawwal minnha huwa seta' jara oġġetti li kienu bħal dawk li nstabu fit-trolley jiġifieri bħal xi fridges u diversi appliances oħra. Irriżulta li dak il-garage huwa ta' ċertu John Mary Camilleri. Il-Pulizija kienet bagħtet għal John Mary Camilleri fejn kien nformahom li dak il-garage kien krieh lil ċertu Gilbert Xuereb u anke pprovdilhom il-ktieb tal-kera.

    Eventwalment il-Pulizija bagħtu għal Gilbert Xuereb fejn l-ewwel innega li huwa kien jagħmel użu mil-garage, iżda mbagħad meta ġie muri l-kuntratt tal-kera huwa ammetta li kien qed jagħmel użu minn dan il-garage. Il-bieb tal-garage apparti il-lock kien imsakkar ukoll b'katnazz. Gilbert Xuereb informa lil Pulizija li huwa ma kellux iċ-ċavetta tal-katnazz. Gilbert Xuereb informa lil pulizija li minkejja li l-garage kien mikri

lilu biss pero fir-realta nofs il-kera kienet titħallas minn ċertu Alan Bartolo magħruf bħala l-Butler. Gilbert Xuereb informa lil pulizija li ġo dak il-garage kien hemm kemm affarijiet misruqa kif ukoll affarijiet illi kienu akkwistati bi frodi peress illi ġew mixtrija permezz ta' cheque book li jirriżulta li kien misruq. Il-garage ma kienx imsakkar mis-serratura, iżda kien imsakkar bil-katnazz biss.

Gilbert Xuereb sostna mal-pulizija li huma kienu qegħdin jordnaw id-deliveries tal-white goods u affarijiet elettroniċi minn diversi ħwienet madwar Malta, bid-deliveries kienu qegħdin jintalbu biex isiru f'diversi postijiet Ta' Giorni jew quddiem xi residenza jew xi garage. Tad-delivery kien iħott ix-xogħol hemmhekk u eventwalment il-ħlas kien isir permezz ta' ċekk minn ta' cheque book li kien ġie misruq u għaldaqstant iċ-ċekkijiet ma kienux jissarfu.

Fil-frattemp ġew mgħajjta tac-Civil Protection, fejn dawn kienu qatgħu l-katnazz sabiex il-pulizija tkun tista taċċedi ġewwa l-garage. Apparti diversi appliances oħra, il-pulizija fil-garage kienu sabu vettura tal-għamla Cosworth li kienet misruqa u anke partijiet ta' karozza tal-għamla Toyota Starlet. Kienet saret inkjesta Maġisterjali, fejn l-affarijiet kollha ġew iffotografati u anke ġew maħtura diversi Periti fosthom il-Perit Richard Aquilina li kien għamel pjanta.

Ix-xhud kien ġie nfurmat kemm mill-Ispettur Chris Pullicino u anke mill-Ispettur Martin Sammut li huma kienu diġà bdew jinvestigaw dan il-każ u dan minħabba li kienu daħlu diversi rapporti ta' sidien ta' ħwienet li kienu tħallsu b'dawn iċ-ċekkijiet u naturalment ma kienux issarfu.

Fil-frattemp bdew jiġu arrestati u interrogati diversi persuni fosthom Gilbert Xuereb, Alan Bartolo u oħrajn bħal Redeemer Bellizzi. Wara beda jissemma ċertu Youssef Essesi. Meta ġie arrestat dan Youssef Essesi, kienet saret identification parade, fejn ħafna min-nies kienu indikawh bħala l-persuna li kienu ħallew l-affarijiet miegħu. Waqt l-interrogatorju, Youssef Essesi kien indika lill-imputat bħala l-persuna li kien qabdu sabiex jirċievi dawn id-deliveries. Essesi kien sostna li l-imputat kien iwasslu f'diversi postijiet sabiex jagħmlu l-ordnijiet, kien iqabbdu joqgħod jistenna lil tad-delivery biex jirċievi l-affarijiet u anke kien jgħaddilu iċ-ċekk sabiex iħallas lil tad-delivery bih. Essesi kien sostna mal-pulizija li huwa ma kien issuspetta xejn ħażin, pero mbagħad

darba minnhom l-imputat kien nesa il-mobile fil-karozza, daqqlu l-mobile, irrispondih Essesi u min ċempel infurmah li ċ-ċekk ġie bounced. Hemmhekk induna li kien hemm xi ħaġa ħażina, pero meta kellem lill-imputat, l-imputat kien irrabja u ġġieled miegħu, qallu sabiex ma jindaħalx u qallu biex jagħmel dak li jgħidlu hu u ma jitkellem ma ħadd.

Waqt l-interrogatorju anke Gilbert Xuereb sostna li lill-imputat ġieli rah waqt dawn l-operazzjonijiet illegali u l-istess imputat ġieli kien jagħtihom struzzjonijiet ta' x'għandhom jagħmlu u kif għandhom joperaw.

L-imputat minn dejjem ċaħad l-involviment tiegħu f'dawn il-każijiet.

18. **L-ispettur Christopher Pullicino** xehed kif huwa kien daħal f'dan il-każ propju fit-2 ta' Settembru 2009, meta għal ħabta ta' nofsinhar kien irraporta ċertu William Gatt illi xi ħadd kien ċempel fil-ħanut tiegħu l-Mosta sabiex jordna xi għodda u talab li ssir id-delivery f'garaxx ta' Giorni.

Meta saret id-delivery, il-lavrant tiegħu kien sab persuna fejn li qallu li l-imgħallem kien se jittardja, talbu sabiex iħalli kollox mal-art, u għaddielu ċ-ċekk. Meta mar biex isarraf iċ-ċekk, dan ma ssarrafx għax kien misruq. Fuq wara taċ-ċekk kien hemm il-karta tal-identita' ta' Steve Mangion u n-numru tal-mobile tiegħu.

Il-Pulizija kienu bagħtu għal Steve Mangion fejn huwa kien innega li kien għamel xi użu minn xi ċekkijiet u/jew kien għamel użu minn xi cheque book. Ic-ċekk kien jgħajjat lil ċertu Victorio Cuschieri li rriżulta li dan kien il-persuna li rraporta s-serqa taċ-cheque book. Sussegwentement daħlu numru kbir ta' rapporti, lkoll jirrapurtaw li kienu qegħdin jitħallsu permezz ta' ċekk li kien misruq u għalhekk ma kienx qiegħed jissarraf. Irriżulta li dawn iċ-ċekkijiet ilkoll kienu ġejjin mill-istess cheque book.

Daħlu xi rapporti anke għand l-Ispettur Yvonne Farrugia u l-Ispettur Martin Farrugia u għalhekk dawn ingħaqdu sabiex jagħmlu investigazzjoni waħda u kompluta.

Xi nies kienu marru għand Zahra Enterprises jaraw xi oġġetti li nqabdu fuq ic-CCTV u ftit wara daħlet ordni bit-telephone għall-istess affarijiet. Dawn raw u eventwalment

ordnaw minn fuq it-telephone żewġ oġġetti tal-barbeque li kienu rari ħafna li jinbiegħu, aħseb u ara kemm kienu se jinbiegħu t-tnejn f'daqqa. Min għamel l-enquiry għamilha fuq it-tnejn f'daqqa wkoll.

Wara daħlet informazzjoni li seta' kien hemm involuti Joseph Bartolo, Alan Bartolo, David Bartolo u Youssef Essesi. Kienu ġew arrestati u mitkellma iżda l-pulizija dak iż-żmien ma rnexxilhiex issolvi l-każ.

Sussegwentement il-lejl ta' bejn l-24 u l-25 ta' Settembru 2009 il-pulizija ġiet infurmata li fit-triq Grossetto ġewwa Birkirkara kien hemm xi nies suspettużi. Dawn in-nies laħqu ħarbu minn fuq il-post iżda l-pulizija sabet żewġ garaxxijiet miftuħin. Irriżulta li kemm fil-komun ta' dawn il-garaxxijiet u anke f'dawn il-garaxxijiet kienu nstabu ħafna mill-affarijiet mixtrija bic-cheque book misruq. Kienu Ford Sierra Cosworth li ma kellhiex number plates, kif ukoll parts ta' Toyota Starlet. Irriżulta li s-sidien ta' dawn iż-żewġ vetturi kienu irrapurtaw li dawn il-vetturi kienu ġew misruqa.

Mill-investigazzjoni l-pulizija kienet reġgħet waslet għal Gilbert Xuereb u Youssef Essesi. Youssef Essesi eventwalment kien semma lill-imputat u semma ċ-ċirkostanzi ta' kif kienet insterqet il-Cosworth Sierra fejn sostna li l-imputat kien involut f'dik is-serqa u anke sostna li l-imputat kien il-moħħ ta' kif kienu qegħdin jinxtraw l-affarijiet b'cheque book misruq.

Gilbert Xuereb sostna li kien hemm involuti anke Alan Bartolo, Redeemer Bellizzi u l-imputat.

Kemm Gilbert Xuereb u Youssef Essesi kienu ammettew li kienu involuti fis-serqa tal-karozza Sierra Cosworth u anke f'serqa oħra minn ġo dar vakanti ġewwa l-Gżira.

L-imputat reġa ġie mitkellem mill-pulizija fejn filwaqt li kien ammetta li kien jaf lil Youssef Essesi, Alan Bartolo u Gilbert Xuereb, madanakollu huwa kien innega l-involviment tiegħu f'dawn il-każijiet.

Ix-xhud ippreżenta sentenza datata 12 ta' Novembru 2008 mmarkata Dok CP 1, stqarrija datata 21 ta' Frar 2010 mmarkata Dok CP 2, stqarrija datata 27 ta' Settembru 2009

mmarkata Dok CP 3 u stqarrija oħra datata 27 ta' Settembru 2009 mmarkata DOK CP 4.

Fl-istqarrijiet tiegħu mal-Pulizija, l-imputat dejjem ċaħad li huwa kien involut f'dawn ir-reati.

19. **Il-Prokuratur Legali Quentin Tanti in rappreżentanza tar-Reġistratur tal-Kumpaniji** xehed kif Ventura General Gas Limited, Grima Industrial Supplies, GW Installations and Services, Home Trends, Pit Stop, Top choice Limited ma humiex reġistrati mar- Reġistratur tal-Kumpaniji. Ix-xhud ippreżenta estratti tal-Memorandum and Articles of Association ta' Right Deal Limited, Zahra Enterprises Limited, Associated Motors Company Limited, Sound Machine Company Limited, JDS Supplies Limited, Visual Electronics Limited, Crosscraft Company Limited, Coleiro General Supplies Limited, R Grech & Sons Limited, Complete Services Limited, United Equipment Company (UNEC) Ltd u Freddie's Household Company Limited.

20. **Youssef Essesi** xehed kif kien hemm żmien fejn huwa kien homeless u kien f'dak il-perjodu fejn huwa flimkien ma klikka ta' erba' min nies kienu jixtru xi appliances b'ċekkijiet foloz, sabiex imbagħad ibiegħuhom.

Ix-xhud sostna li l-imputat jew Alan Bartolo kienu jagħtuh ċekk mimli bid-dettalji, imbagħad huwa kien jagħtih lid-deliveryman x'ħin kien jiġi bix-xogħol ordnat.

Malli jasal ix-xogħol, tad-delivery kienu jħallu l-appliances mal-art imbagħad kienu Alan Bartolo jew l-imputat kienu jgħabbu l-affarijiet fil-van u kienu joħduhom ġo garaxx partikolari ġewwa Birkirkara.

Eventwalment Alan Bondin, Gilbert Xuereb u l-imputat kienu jieħdu ħsieb il-bejgħ ta' dawn l-appliances u meta kienu jinbiegħu huma kienu jgħaddu xi ħaġa tal-flus lix-xhud. Ix-xhud ma kienx ikun preżenti u ma kienx involut fil-bejgħ ta' dawn l-appliances.

Ix-xhud sostna li huwa sar jaf li ċ-ċekkijiet kienu foloz wara r-raba' jew il-ħames delivery għax bdew jirċievu t-telefonati li ċ-ċekkijiet ma kienux qegħdin jissarfu.

Ix-xhud sostna li huwa jikkalkula li saret mat-tletin delivery li tħallsu b'ċekkijiet foloz u għad-deliveries kien ikun dejjem preżenti hu. L-ordnijiet kienu jsiru kemm minn fuq it-telephone minnu stess jew minn Alan Bartolo jew inkella kienu jmorru ġol-ħwienet biex jieħdu quotation u eventwalment issir l-order.

Huma ordnaw ix-xogħol minghand diversi ħwienet fosthom mingħand Ventura, Crosscraft, Sound Machine, Forestals Mrieħel, Forestals Gżira, Coleiro, Home Trends, JDS supplies u x'aktarx mingħand Fitwell li iżda ma huwiex ċert.

Kienu jiġu ordnati diversi appliances fosthom air conditioners, kumpressuri, television, washing machines u għodda oħra fosthom ġakkijiet kbar.

Eventwalment il-post tad-delivery inbidel. Minħabba li kienu jċemplu ħafna nies biex jinformahom li ċ-ċekkijiet ma kienux qegħdin jissarfu, in-numru tal-mobile inbidel diversi drabi wkoll. Il-mobile kien jintuża biss għal dan ix-xogħol. Ix-xhud sostna li huwa ma jiftakarx f'xi postijiet li kien ċempel direttament l-imputat.

Il-vannijiet li kienu jużaw għal dan ix-xogħol kienu Toyota pickup silver li kien tal-imputat u Van ieħor Suzuki jew Isuzu blu li kien jew tal-imputat jew ta' Gilbert. Gilbert, Alan u l-imputat kienu nformaw lix-xhud li huma kienu serqu xi karozza minn Burmarrad u kienu serqu vettura oħra minn quddiem Tanti.

Ix-xhud sostna li għal dan ix-xogħol huwa kien jitħallas ġieli mingħand Alan u ġieli mingħand l-imputat. Mingħand l-imputat tħallas għal aktar minn ħames darbiet.

Ix-xhud sostna li magħhom kien hemm involut ukoll ċertu wieħed Redeemer.

21. **Gilbert Xuereb** xehed li kienu nxtraw xi affarijiet b'ċekkijiet foloz u li dawn l-affarijiet kienu nstabu f'garage li kien mikri fuq isem Alan Bartolo. Ix-xhud sostna li flimkien miegħu għal din il-biċċa tax-xogħol kien hemm involuti wkoll Alan Bartolo, Youssef Essesi u l-imputat. Ix-xhud sostna li huwa jaf li l-imputat kien involut f'din il-biċċa tax-xogħol għax kien qallu Alan Bartolo.

Ix-xhud sostna li għad-delivery huwa kien preżenti darba biss. Dik id-delivery kienet saret San Ġwann ħdejn l-iskola tal-Għarab. Għal dik id-delivery kien hemm preżenti wkoll Alan Bartolo u Youssef Essesi. Kienu xtraw fridge u xi sufan li iżda ma jafx mingħand min kienu ġew ordnati. Dawk l-affarijiet kienu tpoġġew fil-garage ta' Alan Bartolo ġewwa Birkirkara li kien mikri fuq isem ix-xhud.

Ix-xhud sostna li dak iż-żmien huwa kien bil-mannara fuq rasu u kien qiegħed jiġi mhedded li jekk ma jagħmilx dak li kien jgħidlu Alan Bartolo huwa kien se jikxfu lil Pulizija.

Ix-xhud sostna li huwa ma kellux ċwievet ta' dak il-garage. Iċ-ċwievet kienu għand Alan Bartolo. Ix-xhud ġieli mar fil-garage ta' Alan Bartolo u ġo fih kien hemm white goods bħal fridges, air conditions u affarijiet oħra. Ix-xhud sostna li huwa kien jaħdem mal-imputat ġo pompa tal-Petrol u Essesi kien imur jaħsel il-van hemmhekk.

22. **Redeemer Bellizzi** fix-xhieda tiegħu sostna li huwa kien weħel sentenza ta' sena u nofs fuq serq ta' karozza tal-għamla Sierra Cosworth u xi frodi. Fis-serq u fil-frodi flimkien miegħu kien hemm involuti Alan Bartolo, Essesi, Gilbert Xuereb u l-imputat. Ix-xhud sostna li huwa sar jaf lill-imputat għax huwa kien ikun ma grupp mill-Gżira u f'dan il-grupp kien hemm l-imputat, Alan Bartolo, Essesi, Gilbert Xuereb.

Sostna li huwa kien magħhom meta nsterqet il-Cosworth u għal darbtejn huwa kien iltaqa' magħhom fil-pompa tal-petrol fejn kien jaħdem Alan Bartolo u kienu ordnaw xi televisions u affarijiet oħra. Dawn l-affarijiet kienu ġew ordnati minn Gilbert, Essesi, Alan u l-imputat minn fuq il-mobile u ħallsu permezz ta' chequebook falz. Ix-xhud sostna li huwa la jaf minn fejn ġie dan ic-chequebook u lanqas jaf min kien seraq dan ic-chequebook. Sostna wkoll li huwa qatt ma ra dan ic-chequebook. Għad-deliveries ix-xhud qatt ma kien ikun magħhom. Il-karozza li serqu kienu ħaduha ġewwa garage ħdejn il-Price Club Supermarket.

23. **PS 1074 Luke Stivala** xehed kif fil-25 ta' Ottubru 2009 il-pulizja ġiet infurmata għal ħabta tan-nofs siegħa ta' filgħodu li kien hemm xi ħadd suspettuż li kien qiegħed jisraq minn Triq Grossetto, is-Swatar.

Ix-xhud kien stazzjonat mal-Mobile Squad li kienu marru fuq il-post. Unit oħra tal-pulizija kienet diġa fuq il-post fejn kienu raw xi persuna liebes iswed fejn kienu ġibdulu l-attenzjoni sabiex jieqaf iżda dan ma waqafx u l-pulizija ma rnexxilix issibu. L-iskwadra tal-Pulizija tal-Mobile Squad ukoll għamlet tfittxija għal din il-persuna iżda baqgħet ma nstabitx.

Fil-komun ta' blokk ta' garaxxijiet kbir erba sulari, l-pulizija sabet kaxxa tal-għodda, kaxxa li fiha kien hemm television u aircondition unit, lkoll ġodda. Kien hemm xi dettalji ta' xi persuna fejn meta ġie kkuntattjat mill-pulizija nformahom li huwa m'għandu l-ebda garage s-Swatar u li xi tlett xhur qabel kien tilef l-karta tal-identita' tiegħu u minn dakinhar kien qiegħed jirċievi ħafna telefonati għax kien hemm xi ħadd li kien qiegħed jixtri xi affarijiet fuq ismu.

Il-pulizija bdiet iddur il-garaxxijiet wieħed, wieħed u kien hemm garage li ġibdilhom l-attenzjoni għaliex kien fih xi kaxxi li l-pulizija ssuspettaw li jista jkun li setgħu jkunu utli għal investigazzjoni li kienu qegħdin jagħmlu.

Ix-xhud sostna li lill-imputat huwa qatt ma rah u ma jafx min hu.

24. **Joseph Xuereb in rappreżentanza ta' Tip Top Sports** xehed kif fl-2009 kienet ċemplitlu n-neputija li kienet il-ħanut ta' Attard u infurmatu li hemm wieħed li ma kellux karta tal-identita' fuqu li kellu cheque ta' elf lira Maltin li ried li jixtri Treadmill tiswa seba' mija Maltin u xi affarijiet oħra filwaqt li l-bqija riedhom flus, iżda huwa ma kienx aċċetta.

Wara l-istess persuna baqgħet sejra l-ħanut tal-Fgura u s-salesman kien aċċetta. Il-persuna kienet insistiet li t-Treadmill toħodha hi stess mingħajr il-ħtieġa tad-delivery li ma kinitx ħaġa normali.

Id-danni li sofra x-xhud kien ta' elf lira Maltin.

25. **Robert Tabone in rappreżentanza ta' Top Choice** xehed kif fl-2009 kienet daħlet telefonata l-ħanut fejn klijent ordna b'elfejn lira Maltin f'affarijiet elettroniċi. Il-klijent tagħhom indirizz fejn kellha ssir id-delivery.

Meta saret id-delivery sabu jistennihom tifel, fejn qalilhom li m'għandux ċavetta tal-garaxx iżda qalilhom sabiex iħalluhom barra u għaddilhom iċ-ċekk u kien anke tagħhom xi ħaġa tips. Il-post kien xi mkien ċentrali lejn San Ġwann.

Iċ-ċekk ma kienx issarraf u xi żmien wara x-xhud kien irċieva telefonata mid-depot fejn infurmawh li kienu rkupraw xi affarjiet. Ix-xhud sostna li ma kienx irkupra kollox. Ix-xhud sostna wkoll li huwa ma jiftakarx min kienet il-persuna li għamlet l-ordni jew li kienet saritilha d-delivery.

26. **Thaddeus Sammut in rappreżentanza ta' IS Services Limited** xehed kif fil-perjodu tas-sajf tas-sena 2009 kienu irċevew telefonata b'ordni għal-żewġ televixins.

    Dakinhar li saret id-delivery tħallsu b'ċekk iżda dan ma setax jissarraf. Wara xi żmien kienu rċevew telefonata mid-depot fejn fil-fatt kienu irkupraw dawn iż-żewġ televixins. It-televixins kienu jiswew ħames mitt euro l-wieħed.

    Ix-xhud sostna wkoll li huwa ma jiftakarx min kienet il-persuna li għamlet l-ordni jew li saritilha d-delivery.

27. **Joe Azzopardi in rappreżentanza ta' Grima Industrial Supplies** xehed li kien mar persuna s-showroom jara power wash li bejn wieħed u ieħor kienet tiswa xi ftit anqas jew xi ftit aktar minn elf lira Maltin.

    Wara xi jumejn din l-istess persuna li x-xhud ma jiftakarx min kienet, kienet ċemplitlu u talbitu sabiex issir delivery ta' din l-istess power wash f'indirizz li x-xhud ma ftakarx.

    Kienu tħallsu b'ċekk li ma ssarrafx. Ix-xhud ikkonferma li din il-power wash baqgħet qatt ma ġiet irkuprata.

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat, id-Difiża filwaqt li għamlet diversi kontro-eżamijiet lix-xhieda mressqa mill-prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi:

1. **L-Imputat Andy (Andre) Zammit** xehed li fl-2008 huwa kien jaħdem mal-kumpanija Titan u f'dawk iż-żminijiet sar jaf lil Alan Bartolo għaliex kienu jinstallaw il-liftijiet flimkien, pero xi żmien wara ma baqgħux jaħdmu mal-kumpanija Titan.

   L-imputat kien jaħdem mal-kumpanija Creations bħala driver filwaqt li Alan Bartolo beda jaħdem mal-kumpanija Paul & Rocco l-Gżira.

   Ix-xhud xehed kif huwa daħal f'relazzjoni ma omm Alan Bartolo u cjoe Liliana Bartolo u minn dakinhar spiċċa b'tikketta ma missier Alan Bartolo.

   Alan Bartolo kien introduċa lil Youssef Essesi, Gilbert Xuereb u Redeemer Bellizzi mal-imputat.

   Darba minnhom Alan Bartolo kien ma sħabu tal-Gżira jiġifieri Youssef Essesi, Gilbert Xuereb u Redeemer Bellizzi u talbu sabiex iżommlu xi appliances fil-garage ta' missieru iżda huwa ma kienx aċċetta.

   Sussegwentament il-pulizija kienu arrestaw lill-aħwa Bartolo (lil Alan Bartolo u lil ħuħ) u lil missierhom Joseph Bartolo u dak iż-żmien l-Ispettur Martin Sammut kien bagħat għalih biex ikellmu b'mod kunfidenzjali iżda x-xhud kien beża. L-aħwa Bartolo u missierhom dak il-ħin kienu fil-kurridur tal-għassa ta' San Ġiljan, it-tlieta li huma bil-manetti.

   Ix-xhud ma kienx immanettjat u x'ħin Alan Bartolo rah ħiereġ mill-Għassa wiċċu ħdar. Filli kienu l-aqwa ħbieb u f'daqqa waħda l-imputat spiċċa biex għal Alan Bartolo, l-imputat kien l-akbar għadu tiegħu.

   Imbagħad Alan Bartolo beda jgħid ma kulħadd 'kxiftu jien' u kull meta x-xhud beda jiltaqa ma' Youssef Essesi, Gilbert Xuereb u Redeemer Bellizzi dawn bdew idawru wiċċhom u ma jkellmuhx. Kien beda jirċievi ħafna vendikazzjonijiet mingħandhom u bdew jagħmlulu ħafna ħsara. Kienu għamlulu diversi rapporti l-għassa tal-Belt u anke l-għassa ta' Tas-Sliema fejn saħansitra l-Ispettur kien bagħat għalih biex jara x'inhu jiġri. Minħabba f'hekk kien hemm diversi proċeduri l-Qorti fil-konfront ta' xulxin kemm quddiem il-Maġistrat Dr Antonio Micallef Trigona u anke quddiem il-Maġistrat

Dr Antonio Mizzi. Fis-seduta tat-3 ta' Marzu quddiem il-Maġistrat Dr Antonio Mizzi, Alan Bartolo kien tela' u kkonferma l-istatement tiegħu fil-konfront tal-imputat. Dakinhar Alan Bartolo kien xehed li l-każ tiegħu kien iddiljah. L-ispettur dak iż-żmien kien Christopher Pullicino.

Dakinhar ħdejn il-liftijiet tal-Qorti, l-familja Bartolo u Essesi kienu ħebbew għall-imputat. L-Ispettur Christopher Pullicino, l-Ispettur Elton Taliana, pulizija oħra u l-Avukat Dr. Arthur Azzopardi kienu ntervjenew sabiex jikkalmaw is-sitwazzjoni. Kienu daħlu fl-awla tal-Maġistrat Antonio Mizzi u l-ġlieda mal-familja Bartolo u Essesi baqgħet persistenti, tant li l-Maġistrat Antonio Mizzi kien ordna lil familja Bartolo u lil Essesi sabiex joħorġu l-barra mill-Awla. Il-ġlieda xorta baqgħet għaddejja u l-Maġistrat Antonio Mizzi kien ordna sabiex dawn jiżgombraw il-barra mill-bini tal-Qorti. L-avukat Arthur Azzopardi kien talab sabiex jiġi eżebit il-filmat ta' meta l-familja Bartolo u Essesi kien ħebbew għall-imputat u x'ħin il-Maġistrat talabhom sabiex joħorġu l-barra mill-Qorti sabiex jinġieb bħala prova.

Il-klikka Alan Bartolo, Youssef Essesi, Gilbert Xuereb u Redeemer Bellizzi għadhom biċċa waħda flimkien, pero minn miegħu mhux talli ma għadhomx ikellmuh talli jagħmlulu l-vendikazzjonijiet.

Ix-xhud sostna li huwa ma għandu x'jaqsam xejn ma dan il-każ u l-verżjoni ta' Alan Bartolo ma hija xejn ħlief vendikazzjoni.

Ix-xhud ippreżenta dokument bil-ħinijiet tax-xogħol mal-Kumpanija Creations. Dan id-dokument ġie anness u mmarkat DOK AZ 1, u juri fejn l-imputat kien ikun xogħol meta' ġraw dawn il-każijiet.

Fil-kontro-eżami tiegħu l-imputat sostna li minħabba li Alan Bartolo kien talbu biex iżommlu l-appliances, l-istess Bartolo kien ħaseb li kien l-imputat li kixfu mal-pulizija. Dan għaliex Alan Bartolo lilu kien infurmah li dawn kienu appliances jaħarqu u għalhekk l-imputat kien ħaseb li dawk l-appliances kienu misruqin.

L-imputat sostna li huwa ġieli ltaqa ma Alan Bartolo, Youssef Essesi, Gilbert Xuereb u Redeemer Bellizzi għand omm Alan Bartolo, fil-garage ta' missier l-istess Alan Bartolo, għand Paul & Rocco u f'diversi postijiet oħra.

L-imputat sostna li Alan Bartolo, Youssef Essesi, Gilbert Xuereb u Redeemer Bellizzi qeghdin jaghmlulu din il-vendikazzjoni għax kissrilhom iċ-ċirku kollu.

2. **Liliana Bartolo** xehdet li hija separata u li għandha tlett ulied li jisimhom David, Stephanie u Alan.

   Ix-xhud sostniet li hija qatt ma kienet f'relazzjoni mal-imputat, ma tafx fejn joqgħod u huwa qatt ma mar għandha. Ix-xhud sostniet ukoll li huma qatt ma kienu jkunu fil-kumpanija ta' xulxin.

**B. <u>Kunsiderazzjoni dwar ħtija o meno</u>**

**1. Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta**

Illi huwa l-oneru tal-prosekuzzjoni li tressaq l-aħjar provi sabiex tikkonvinċi lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat huma veri.

Huwa prinċipju bażiku pprattikat mill-Qrati tagħna fil-proċediment kriminali li biex l-imputat jiġi ddikjarat ħati, l-imputazzjonijiet dedotti għandhom jiġu ppruvati oltre kull dubju raġonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raġuni.

Hawnhekk il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tgħid pero' mhux kull l-iċken dubju huwa biżżejjed sabiex persuna akkużata tiġi ddikjarata liberata. Hemm bżonn li "dubju jkun dak dettat mir-raġuni".

Fil-fatt fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Diċembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u

mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistgħux jitqiesu bħala dubji dettati mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li l-Ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Dik il-Qorti ċċitat l-ispjegazzjoni mogħtija minn **Lord Denning fil-każ Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni *"proof beyond a reasonable doubt":*

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

## 2. <u>Fuq il-Kompliċita</u>

Artikolu 42 tal- Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jindika s-segwenti:

> *"Persuna titqies kompliċi f'delitt jekk hija –*
> *(a) tkun tat ordni lil ħaddieħor biex jagħmel id-delitt; jew*
> *(b) tkun ġiegħlet li d-delitt isir b'mezz ta' rigali, wegħdiet, theddid, maniġġi, jew egħmil qarrieqi, inkella b'abbuż ta' awtorità jew setgħa, inkella li tkun tat istruzzjonijiet biex isir id-delitt; jew*
> *(ċ) tkun tat armi, għodod jew mezzi oħra li jkunu ġew użati fl-egħmil tad-delitt, meta kienet taf li kellhom hekk jiġu użati; jew*
> *(d) għad li ma tkunx waħda mill-persuni msemmija fil-paragrafi (a), (b) u (ċ), b'xi mod li jkun, xjentement, tkun għenet jew assistiet lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun ġie ippreparat jew ikkunsmat; jew*
> *(e) tkun xewxet lil ħaddieħor inkella saħħet il-volontà tiegħu sabiex jagħmel id-delitt, jew wegħdet li wara l-fatt tassistih, tieqaf miegħu jew tikkompensah."*

L-artikolu 43 tal- Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jindika s-segwenti:

*"Barra minn meta l-liġi tgħid xort'oħra, il-kompliċi f'delitt jeħel il-piena stabbilita għall-awtur."*

Il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Emanuel Camilleri u Manweli sive Manwel Farrugia** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-23 ta' Novembru 2001 fejn fost kunsiderazzjonijiet oħra, ġie kkunsidrat li:

*"Huwa veru li fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju (fol. 101) l-Avukat Generali ma indikax espressament l-Artikolu 41(1)(a) tal-Kodici Kriminali izda biss l-artikoli l-ohra li jsemmu l-appellanti.* ***Pero` huwa wkoll principju elementari li meta persuna tkun akkuzata b'reat bhala awtur ta' dak ir-reat, qorti ta' gustizzja kriminali tista` ssib lil dik il-persuna hatja mhux bhala awtur izda bhala komplici f'dak ir-reat, jew inkella flok hatja tar-reat ikkunsmat hatja biss ta' tentattiv ta' dak ir-reat. Ir-regoli imsemmija fis-subartikoli (2) u (4) tal- Artikolu 467 tal-Kodici Kriminali gew dejjem ritenuti li japplikaw ghall-Qrati ta' Gustizzja Kriminali kollha."***

Din il-Qorti tirrileva li fin-Nota tal-artikoli, l-Avukat Ġenerali naqas milli jindika l-artikolu tal-kompliċita', iżda din il-Qorti xorta tista' tikkunsidra jekk hemmx l-elementi tal-kompliċita' tar-reat in kwistjoni u dan in vista tal-artikolu 525(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jappplika l-artikolu 467 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**3. <u>Fuq il-provi</u>**

Il- Prosekuzzjoni ssostni li hija ppruvat il-każ tagħha mingħajr dubju dettat mir-raġuni u dan għaliex Gilbert Xuereb, Redeemer Bellizzi, Alan Bartolo u Youssef Essesi lkoll xehdu fid-dettal li l-imputat kien il-moħħ wara dawn ir-reati u kien l-istess imputat li kien iqabbaddhom biex iwettqu dawn ir-reati.

Jingħad li fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2017 ġie vverbalizżat li l-partijiet qablu li wħud mill-oġġetti li nxtraw biċ-ċekkijiet mertu ta' dawn il-proċeduri nxtraw mis-soċjetajiet imsemmija fil-paragrafu C tan-nota tar-rinviju tal-Avukat Ġenerali u cjoe mingħand Grima Industrial Supplies Limited, JDS Supplies Ltd, Visual Electronics Ltd, Tip Top, Top Choice Ltd u Compleet IS Service Ltd, u għalhekk id-difiża ddikjarat li kienet

qegħda teżenta lill-Prosekuzzjoni minn kwalunkwe prova ulterjuri fir-rigward u dan dejjem mingħajr preġudizzju għat-tweġiba tal-imputat li mhux ħati.

In oltre b'referenza għall-paragrafu D tan-nota tar-rinviju tal-Avukat Ġenerali, id-difiża kienet iddikjarat li s-soċjetajiet hemm imsemmija u cjoe Digital Planet Ltd, Tip Top, Forestals Appliances Ltd Home Trends u Rausi huma persuni legali li jeżistu u/jew trade names ta' negozji ġestiti hawn Malta u eżentat lill-Prosekuzzjoni minn kwalunkwe provi fir-rigward.

Min-naħa l-oħra l-imputat jilqa għal dawn l-imputazzjonijiet billi jiddikjara li x-xhieda ta' Gilbert Xuereb ma tiswiex għaliex tikkostiwixxi 'hearsay evidence' filwaqt illi mix-xhieda ta' Youssef Essesi, Alan Bartolo u Redeemer Bellizzi jirriżulta li l-imsemmija xhieda mhux talli ma kkorraborawx lil xulxin u ssiġillaw il-każ tal-Prosekuzzjoni sal-grad rikjest mill-Liġi, iżda għal kuntrarju bl-istess deposiżżjonijiet inħolqu iktar dubju, suppożizzjonijiet, konġetturi u mistoqsijiet li sal-ġurnata tal-llum għadhom ma ġewx imwieġba.

Għalhekk din il-Qorti se tibda billi tifli x-xhieda mogħtija minn Gilbert Xuereb, Youssef Essesi, Alan Bartolo u Redeemer Bellizzi.

**Gilbert Xuereb** xehed li kienu nxtraw xi affarijiet b'ċekkijiet foloz u li dawn l-affarijiet kienu nstabu f'garage li kien mikri fuq isem Alan Bartolo.

Ix-xhud sostna li flimkien miegħu għal din il-biċċa tax-xogħol kien hemm involuti wkoll Alan Bartolo, Youssef Essesi u l-imputat.

**Ix-xhud sostna li huwa jaf li l-imputat kien involut f'din il-biċċa tax-xogħol ghax kien qallu Alan Bartolo.**

Ix-xhud sostna li għad-delivery huwa kien preżenti darba biss. Dik id-delivery kienet saret San Ġwann ħdejn l-iskola tal-Għarab. Għal dik id-delivery kien hemm preżenti wkoll Alan Bartolo u Youssef Essesi. Kienu xtraw fridge u xi sufan li iżda ma jafx mingħand min kienu ġew ordnati. Dawk l-affarijiet kienu tpoġġew fil-garage ta' Alan Bartolo ġewwa Birkirkara li kien mikri fuq isem ix-xhud.

Ix-xhud sostna li dak iż-żmien huwa kien bil-mannara fuq rasu u kien qiegħed jiġi mhedded li jekk ma jagħmilx dak li kien jgħidlu Alan Bartolo huwa kien se jikxfu lil Pulizija.

Ix-xhud sostna li huwa ma kellux ċwievet ta' dak il-garage. Iċ-ċwievet kienu għand Alan Bartolo. Ix-xhud ġieli mar fil-garage ta' Alan Bartolo u ġo fih kien hemm white goods bħal fridges, air conditions u affarijiet oħra. Ix-xhud sostna li huwa kien jaħdem mal-imputat ġo pompa tal-Petrol u Essesi kien imur jaħsel il-van hemmhekk.

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Carmelo Calleja** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Settembru 2023 ingħad li:

> *"Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li bħala regola għandha tinġieb il-prova l-iktar sħiħa u sodisfaċenti li l-każ ikun jagħti kif ukoll li ma jitħalla barra ebda xhud li x-xiehda tiegħu tkun importanti. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, jekk ix-xiehda tiegħu tiġi emnuta minn min ikun irid jiġġudika l-każ, allura din ix-xiehda titqies li tkun biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqslikieku l-fatt ikun ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Għalhekk huwa legalment korrett u permissibbli li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss. Dan il-prinċipju ġie konfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati iddeċidew fil-passat.*
>
> *Meta l-partijiet fi proċeduri penali, jagħżlu li jresqu prova, huma jridu jissodisfaw il-best evidence rule, ċjoe jridu jresqu l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti: Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.*
>
> *Illi allura l-aħjar prova u l-prova l-iżjed sħiħa bħala regola tmur lil hinn minn prova li tkun milquta mir-regola tal-esklużjoni tal-hearsay evidence. Fil-fatt*

*din ir-regola tiġi applikata fil-kamp penali Malti b'manjiera partikolari. L-artikoli 598 u 599 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12) li jirregolaw il-hearsay evidence, u reżi applikabbli fi proċedimenti quddiem Qrati ta' Ġustizzja Kriminali bis-saħħa tal-artikoli 520(1)(d) u 645 tal-Kodiċi Kriminali jgħidu kif ġej:*

*598. (1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk il-fatti.*
*(2) Il-qorti tista', ex officio, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bhal dawk.*
*(3) Iżda l-qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk il-mistoqsijiet.*

*599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, ta' żwieġ, ta' mewt, ta' assenza, ta' servitù, ta' rjieħ ta'immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta'reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd.*

*Fil-kawża deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Il-Pulizija vs Janis Caruana tal-14 ta' Mejju 2012 mil-Imħallef Lawrence Quintano il-kwistjoni tal-hearsay evidence kienet ġiet indirizzata b'dan il-mod:*

*Bir-rispett kollu, il-hearsay rule tagħna (fl-artikolu 599) mhix daqshekk riġida daqs kemm wieħed jaħseb. Fil-fatt l-ewwel parti ta' dan l-artikolu jgħid hekk:*

*'599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra,'*

*Fil-fatt fil-kawża 'Joseph Mary Vella et versus il-Kummissarju tal-Pulizija' il-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Jannar 1988 qalet hekk: 'Issa, fil-każ preżenti, si tratta ta' depożizzjoni ta' xhud dwar x'qallu ħaddieħor li ma jistax jiġi prodott minħabba li x-xhud ġie marbut bis-sigriet professjonali fuq l-*

*identita' ta'dan il-ħaddieħor. Ċertament il-kliem ta' dan il-ħaddieħor jistgħu, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ikollhom importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawża. Għalhekk il-Qorti ma tara l-ebda raġuni l-għala għandha tiddipartixxi mill-konklużjoni tal-ewwel qorti (li tħalli lil dan ix-xhud jiddeponi).'*

*Ukoll fl-Ingilterra u f'Wales ir-regola tal-hearsay m'għadhiex stretta daqsa qabel. Il-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ' Al-Khawaja and Tahery versus the United Kingdom' tal-15 ta' Diċembru 2011 (deċiżjoni tal-Grand Chamber) qalet hekk f'paragrafu 130: 'However, the Court notes that the present cases have arisen precisely because the legal system in England and Wales has abandoned the strict common law rule against hearsay evidence. Exceptions to the rules have been created, notably in the 1988 and 2003 Acts, which allowed for admission of ST's statement in Al-Khawaja's case and T's statement in Tahery's case.'*

*Fil-każ ta' Al-Khawaja, ST kienet għamlet rapport lill-Pulizija numru ta' xhur sewwa wara li kienet allegatament assaltata minn tabib. ST għamlet suwiċidju qabel il-ġuri. L-Imħallef li ppresieda ħalla li jinqara r-rapport waqt il-ġuri u ta direzzjonijiet appożiti. (Ara paragrafi 9 -19 tal-istess sentenza). Il-Grand Chamber ma sabitx vjolazzjoni tal-artikolu 6 (ara par.158 tas-sentenza).*

*Issa, jekk wieħed janalizza s-sitwazzjoni fil-każ li jinsab fil-preżent quddiem il-Qorti, ir-rapport bl-ebda mod ma jgħid li min għamel ir-rapport dwar is-serqa indika lill-appellant. Kieku kien hekk ir-rapport kien ikun prova li sar it-tali kliem iżda mhux prova li l-appellant wettaq is-serqa għalkemm l-istess rapport kien ikun jista' jintuża biex jikkorobora provi oħra. (Ara: Subramianiam v Public Prosecutor (1956) 1.W.L.R.956 at 969, PC).*

*Fir-rapport odjern m'hemmx xi allegazzjoni bħalma ma għamlet ST fil-każ 'Al-khawaja vs UK' jew xi sitwazzjoni simili għal dak li aċċettat il-Qorti Kostituzzjonali. Hawn għandna biss rapport li saret is-serqa, ta' xhiex, fejn u meta. Min għamel ir-rapport mhux Malti, ma semma lil ebda persuna bħala suspettat, u ma jistax joqgħod jinġieb Malta biex jikkonferma li saret serqa ta' laptop. Terġa' min għamel ir-rapport ma joqgħodx f'xi pajjiż fil-viċin.*

*Għalhekk il-Qorti, wara li rat iċ-ċirkostanzi tal-każ, u wara li rat l-artikolu 599 tal-Kap 12 res applikabbli għall-Kap 9, qed tiddeċiedi li fil-proċess teżisti prova li hija ammissibbli. Ir-rapport huwa prova li saret is-serqa u ta' xejn aktar.*

*Oltre minn hekk fis-sentenza tal-Qorti Kriminali deċiża nhar l-24 t'Ottubru 2011 fil-kawża fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Azzopardi ġie*

*deċiż is-segwenti: Li l-artikoli relevanti dwar il-Hearsay Rule huma l-artikoli 598 u 599 tal-Kap 12 reżi applikabbli għall-Kap 9 bl-artikolu 645 tal-Kap 9.*

*Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b'approvazzjoni dwar il-hearsay rule f'kawżi ta' natura kriminali huwa Subramaniam v. Public Prosecutor fejn insibu dan il-kliem: 'Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.'*

*Jekk wieħed jimxi mal-prinċipji ta' dan il-każ allura ċerti persuni li magħhom ikun tkellem l-allegat vittma jistgħu jkunu prodotti (per eżempju, psikologu, għalliem jew social worker, il-ġenituri jew qraba fil-qrib tal-allegat vittma). Dawn jistgħu jixhdu li l-allegat vittma tassew qal hekk. Tali xhieda hija biss prova li l-allegat vittma tassew qal hekk, iżda mhux li dak li qed jgħid l-allegat vittma huwa tassew minnu. Jekk wieħed jeżamina l-ewwel sentenza tal-artikolu 599 tal-Kap 12, wieħed jista' jikkonkludi li l-hearsay rule fil-Liġi tagħna mhix daqshekk assoluta. U filfatt hekk qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeċiedi il- każ 'Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija' (13 ta' Jannar 1988) fejn il-Qorti kkonfermat digriet tal-Prim'Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali. Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li kienet qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellhom jixhed il-Prokuratur Legali. Peress li d-depożizzjoni, li tista' tkun hearsay, tista' tkun prova diretta li ntqal xi ħaġa, ma tistax tiġi esklusa fl-istadju tal-eċċezzjonijiet preliminari. F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu il-prattika dwar il-hearsay rule. (Ara dwar dan il-punt: Ir-Repubblika versus Meinrad Calleja). Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:' Fil-limit tal-użu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.' (1 t'April 2011 'Il-Pulizija versus Fabio Schembri' preseduta mill-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri).*

*Apparti dan fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs. Angelus Vella, deċiża nhar it-30 ta'*

*Lulju 2015, ir-regola dwar il-hearsay evidence ġiet spjegata b'dan il-mod kwantu sempliċi daqskemm ċar: Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi hearsay evidence iżda jekk dak rapportat hux hearsay evidence jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun hearsay evidence u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx hearsay evidence u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra."*

Minħabba l-fatt li Gilbert Xuereb fix-xhieda sostna li huwa jaf li l-imputat kien involut f'dawn ir-reati ghax kien qallu Alan Bartolo u jirriżulta li l-istess Alan Bartolo xehed f'dawn il-proċeduri, allura din il-Qorti se tkun qegħda tiskarta x-xhieda tal-istess Gilbert Xuereb.

**Alan Bartolo** xehed kif huwa kien qiegħed jiskonta sentejn ħabs fuq frodi u serq.

Ix-xhud xehed kif Youssef Essesi kien sgassa letterbox u sab chequebook. Essesi kien mar jiltaqa ma l-imputat u staqsih x'jistgħu jagħmlu b'dan ic-chequebook. L-imputat beda jixtri xi affarijiet minn ġo ħwienet u beda jibgħat lil Youssef Essesi biex jiġbor l-affarijiet u jħallas bic-chequebook. Ix-xhud sostna li ġieli anke hu mar jiġbor ix-xogħol u dan għax kienu jibgħatuh l-imputat jew Essesi. L-affarijiet kienu jinġarru fil-van tal-imputat u kienu jitpoġġew f'żewġ garaxxijiet, wieħed kien ta' ċertu Gilbert Xuereb u l-ieħor kien mikri fuq ix-xhud.

Ix-xhud xehed li l-karozza tat-Tip Ford Sierra Cosworth kienu marru jisirquha hu, Gilbert, Redeemer, Youssef Essesi u l-imputat. Il-karozza kienu ħaduha fil-garage ta' Gilbert. Ix-xhud spjega li l-imputat mill-karozza ma ha xejn, iżda kien mar magħhom għax huma kienu jagħmlu kollox flimkien.

Fil-kontro-eżami tiegħu x-xhud sostna li hu u Youssef Essesi kienu ħbieb.

**Redeemer Bellizzi** fix-xhieda tiegħu sostna li huwa kien weħel sentenza ta' sena u nofs fuq serq ta' karozza ta' Sierra Cosworth u xi frodi.

Fis-serq u fil-frodi flimkien miegħu kien hemm involuti Alan Bartolo, Essesi, Gilbert Xuereb u l-imputat.

Ix-xhud sostna li huwa sar jaf lill-imputat għax huwa kien ikun ma grupp mill-Gżira u f'dan il-grupp kien hemm l-imputat, Alan Bartolo, Essesi, Gilbert Xuereb. Sostna li huwa kien magħhom meta nsterqet il-Cosworth u għal darbtejn huwa kien iltaqa magħhom fil-pompa tal-petrol fejn kien jaħdem Alan Bartolo u kienu ordnaw xi televisions u affarijiet oħra. Dawn l-affarijiet kienu ġew ordnati minn Gilbert, Essesi, Alan u l-imputat minn fuq il-mobile u ħallsu permezz ta' chequebook falz. Ix-xhud sostna li huwa la jaf minn fejn ġie dan ic-chequebook u lanqas jaf min kien seraq dan ic-chequebook. Sostna wkoll li huwa qatt ma ra dan ic-chequebook.

Għad-deliveries ix-xhud qatt ma kien ikun magħhom. Il-karozza li serqu kienu ħaduha ġewwa garage ħdejn il-Price Club Supermarket.

**Youssef Essesi** xehed kif kien hemm żmien fejn huwa kien homeless u kien f'dak il-perjodu fejn huwa flimkien ma klikka ta' erba' minn nies kienu jixtru xi appliances b'ċekkijiet foloz, sabiex imbagħad ibiegħhom.

Ix-xhud sostna li l-imputat jew Alan Bartolo kienu jagħtuh ċekk mimli bid-dettalji, imbagħad huwa kien jagħtih lid-deliveryman x'ħin kien jiġi bix-xogħol ordnat.

Malli jasal ix-xogħol, tad-delivery kienu jħallu l-appliances mal-art imbagħad Alan Bartolo jew l-imputat u kien jgħabbu l-affarijiet fil-van u kienu joħduhom ġo garaxx partikolari ġewwa Birkirkara.

Eventwalment Alan Bondin, Gilbert Xuereb u l-imputat kienu jieħdu ħsieb il-bejgħ ta' dawn l-appliances u meta kienu jinbiegħu huma kienu jgħaddu xi ħaġa tal-flus lix-xhud. Ix-xhud ma kienx ikun preżenti u ma kienx involut fil-bejgħ ta' dawn l-appliances.

Ix-xhud sostna li huwa sar jaf li ċ-ċekkijiet kienu foloz wara r-raba' jew il-ħames delivery għax bdew jirċievu t-telefonati li ċ-ċekkijiet ma kienux qegħdin jissarfu.

Ix-xhud sostna li huwa jikkalkula li saret mat-tletin delivery li tħallsu b'ċekkijiet foloz u għad-deliveries kien ikun dejjem preżenti hu. L-ordnijiet kienu jsiru kemm permezz tat-telephone li kienu jsiru ġieli minnu stess u ġieli minn Alan Bartolo u ġieli kienu jmorru ġol-ħwienet biex jieħdu quotation u eventwalment jagħmlu l-order.

Huma ordnaw ix-xogħol mingħand diversi ħwienet fosthom mingħand Ventura, Crosscraft, Sound Machine, Forestals Mrieħel, Forestals Gżira, Coleiro, Home Trends, JDS supplies u x'aktarx minghand Fitwell li iżda ma huwiex ċert.

Kienu jiġu ordnati diversi appliances fosthom  air conditions, kumpressuri, television, washing machines u għodda oħra fosthom ġakkijiet kbar.

Eventwalment il-post tad-delivery inbidel. Minħabba li kienu qegħdin iċemplu ħafna nies li ċ-ċekkijiet ma kienux qegħdin jissarfu, in-numru tal-mobile inbidel diversi drabi wkoll. Il-mobile kien jintuża biss għal dan ix-xogħol.

Ix-xhud sostna li huwa ma jiftakarx f'xi postijiet li kien ċempel direttament l-imputat.

Il-vannijiet li kienu jużaw għal dan ix-xogħol kienu Toyota pickup silver li kien tal-imputat u Van ieħor Suzuki jew Isuzu blu li kien jew tal-imputat jew ta' Gilbert.

Gilbert, Alan u l-imputat kienu nformaw lix-xhud li huma kienu serqu xi karozza minn Burmarrad u kienu serqu vettura oħra minn quddiem Tanti.

Ix-xhud sostna li għal dan ix-xogħol huwa kien jitħallas ġieli mingħand Alan u ġieli mingħand l-imputat. Mingħand l-imputat tħallas ghal aktar minn ħames darbiet.

Ix-xhud sostna li magħhom kien hemm involut ukoll ċertu wieħed Redeemer.

Fix-xhieda tagħhom, Youssef Essesi, Redeemer Bellizzi u Alan Bartolo lkoll jikkonfermaw li l-imputat kien ikun magħhom u kien involut magħhom, b'mod

partikolari meta kienu qegħdin jagħmlu użu minn chequebook misruq sabiex iħallsu għal oġġetti li huma kienu qegħdin jordnaw u jixtru.

Fix-xhieda tiegħu **l-Imputat Andy (Andre) Zammit** xehed li fl-2008 huwa kien jaħdem mal-kumpanija Titan u f'dawk iż-żminijiet sar jaf lil Alan Bartolo għaliex kienu jinstallaw il-liftijiet flimkien, pero xi żmien wara ma baqgħux jaħdmu mal-kumpanija Titan.

L-imputat kien jaħdem mal-kumpanija Creations bħala driver filwaqt li Alan Bartolo beda jaħdem mal-kumpanija Paul & Rocco il-Gżira.

Ix-xhud xehed kif huwa daħal f'relazzjoni ma omm Alan Bartolo u ċjoe Liliana Bartolo u minn dakinhar spiċċa b'tikketta ma missier Alan Bartolo.

Alan Bartolo kien introduċa mal-imputat lil Youssef Essesi, Gilbert Xuereb u Redeemer Bellizzi.

Darba minnhom Alan Bartolo kien ma sħabu tal-Gżira jiġifieri Youssef Essesi, Gilbert Xuereb u Redeemer Bellizzi u talbu sabiex iżommlu xi appliances fil-garage ta' missieru iżda huwa ma kienx aċċetta.

Sussegwentement il-pulizija kienu arrestaw lill-aħwa Bartolo (Alan Bartolo u lil ħuh) u lil missierhom Joseph Bartolo u dak iż-żmien l-Ispettur Martin Sammut kien bagħat għalih biex ikellmu b'mod kunfidenzjali iżda x-xhud kien beża. L-aħwa Bartolo u missierhom dak il-ħin kienu fil-kuritur tal-għassa ta' San Ġiljan, it-tlieta li huma bil-manetti.

Ix-xhud ma kienx immanettjat u x'ħin Alan Bartolo rah ħiereġ mill-għassa wiċċu ħdar. Filli kienu l-aqwa ħbieb u f'daqqa waħda l-imputat spiċċa biex għal Alan Bartolo, l-imputat kien l-akbar għadu tiegħu.

Imbagħad Alan Bartolo beda jgħid ma kulħadd 'kxiftu jien' u kull meta x-xhud beda jiltaqa ma' Youssef Essesi, Gilbert Xuereb u Redeemer Bellizzi dawn bdew idawru wiċċhom u ma jkellmuhx. Kien beda jirċievi ħafna vendikazzjonijiet mingħandhom u

bdew jagħmlulu ħafna ħsara. Kienu għamlulu diversi rapporti l-għassa tal-Belt u anke l-għassa ta' Tas-Sliema fejn saħansitra l-Ispettur kien bgħatt għalih biex jara x'inhu jiġri. Minħabba f'hekk kien hemm diversi proċeduri l-Qorti fil-konfront ta' xulxin kemm quddiem il-Maġistrat Dr Antonio Micallef Trigona u anke quddiem il-Maġistrat Dr Antonio Mizzi.

Fis-seduta tat-3 ta' Marzu quddiem il-Maġistrat Dr Antonio Mizzi, Alan Bartolo kien tela' u kkonferma l-istatement tiegħu fil-konfront tal-imputat. Dakinhar Alan Bartolo kien xehed li l-każ tiegħu kien iddiljah. L-ispettur dak iż-żmien kien Christopher Pullicino.

Dakinhar ħdejn il-liftijiet tal-Qorti, l-familja Bartolo u Essesi kienu ħebbew għall-imputat. L-Ispettur Christopher Pullicino, l-Ispettur Elton Taliana, pulizija oħra u l-Avukat Dr. Arthur Azzopardi kienu ntervjenew sabiex jikkalmaw is-sitwazzjoni.

Kienu daħlu fl-awla tal-Maġistrat Antonio Mizzi u l-ġlieda mal-familja Bartolo u Essesi baqgħet persistenti, tant li l-Maġistrat Antonio Mizzi kien ordna lil familja Bartolo u lill-Essesi sabiex joħorġu l-barra mill-Awla. Il-ġlieda xorta baqgħet għaddejja u l-Maġistrat Antonio Mizzi kien ordna sabiex dawn jiżgombraw il-barra mill-bini tal-Qorti.

Il-klikka Alan Bartolo, Youssef Essesi, Gilbert Xuereb u Redeemer Bellizzi għadhom biċċa waħda flimkien, pero minn miegħu mhux talli nqattgħu u ma għadhomx ikellmuh talli jagħmlulu l-vendikazzjonijiet.

Ix-xhud sostna li huwa ma għandu x'jaqsam xejn ma dan il-każ u l-verżjoni ta' Alan Bartolo ma hija xejn ħlief vendikazzjoni.

Ix-xhud ippreżenta dokument bil-ħinijiet tax-xogħol mal-Kumpanija Creations. Dan id-dokument anness u mmarkat DOK AZ 1, juri fejn l-imputat kien ikun meta' ġraw dawn il-każijiet.

Fil-kontro-eżami tiegħu l-imputat sostna li minħabba li Alan Bartolo kien talbu biex iżommlu l-appliances, l-istess Bartolo kien ħaseb li kien l-imputat li kixfu mal-pulizija.

Dan għaliex lilu Alan Bartolo kien infurmah li dawn kienu appliances jaħarqu u għalhekk l-imputat kien ħaseb li dawk l-appliances kienu misruqa.

L-imputat sostna li huwa ġieli ltaqa ma Alan Bartolo, Youssef Essesi, Gilbert Xuereb u Redeemer Bellizzi għand omm Alan Bartolo, fil-garage ta' missier l-istess Alan Bartolo, għand Paul & Rocco u f'diversi postijiet oħra.

L-imputat sostna li huma Alan Bartolo, Youssef Essesi, Gilbert Xuereb u Redeemer Bellizzi qegħdin jagħmlulu din il-vendikazzjoni għax kissrilhom iċ-ċirku kollu.

Din il-Qorti għandha riżervi kbar fuq id-dokument li l-imputat ipprepara huwa stess u ippreżenta waqt ix-xhieda tiegħu fejn fih hemm indikat il-ġranet, ħinijiet u sigħat li skond huwa kien ikun ix-xogħol.

L-imputat missu ħarrek rappreżentant tal-Kumpanija li huwa kien impjegat magħha sabiex l-istess rappreżentant kien jippreżenta l-ġranet, il-ħinijiet u s-siegħat li l-imputat kien ikun xogħol.

L-imputat isostni wkoll li din ma hija xejn ħlief vendikazzjoni minn Alan Bartolo, Youssef Essesi, Gilbert Xuereb u Redeemer Bellizzi fil-konfront tiegħu u dan minħabba l-fatt li kemm għax kien f'relazzjoni ma' omm Alan Bartolo u anke għaliex huwa kien kissrilhom iċ-ċirku kollu.

Jingħad li l-imputat irrilaxxa tlett stqarrijiet lil pulizija u fl-ebda stqarrija ma ndika lil pulizija li meta Alan Bartolo, Youssef Essesi, Gilbert Xuereb u Redeemer Bellizzi indikaw lil pulizija li huwa kien involut magħhom meta wettqu dawn ir-reati, huma għamlu hekk sabiex jivvendikaw ruħhom minnu. Anzi meta fl-istqarrija li huwa rrilaxxa lil pulizija fis-27 ta' Settembru 2009 huwa kien ġie mistoqsi direttament - "*Sħabek stess li kont tagħmilha magħhom qabel dan l-arrest jgħidu li inti kont il-persuna li ġibt iċ-ċekk book il-misruq biex xtrajtu diversi affarijiet bih, jgħidu wkoll li ħafna mill-affarijiet kont inti stess li ordnajthom bit-telefon u jgħidu wkoll l-involviment tiegħek kien f'diversi serqiet.* ***Dawn s'issa għadek m'għedtilniex li kont miġġieled magħhom xi darba. X'raġuni għandhom biex jidgbu fuqek taħseb int?" -*** *l*-imputat irrisponda biss – ***"Ma nafx"*** .

Mit-tieni stqarrija li l-imputat kien rrilaxxa lil pulizija fis-27 ta' Settembru 2009 jirriżulta li fuq il-phonebook tal-mobile number tal-imputat kien hemm issejvjat mobile number 79104289 bl-isem ta' Steve Mangion. Eventwalment fuq wara taċ-ċekkijiet kien beda jitniżżel il-karta tal-identita' ta' Steve Mangion. Jirriżulta wkoll li fuq xi wara ta' xi wħud miċ-ċekkijiet kien hemm imniżżel propju l-mobile number 79104289 u dan kif jirriżulta minn fol 554 tal-proċess.

Il-Qorti ssostni li x-xhieda tal-imputat ma għandiex mis-sewwa u hija moralment konvinta li l-imputat flimkien ma Alan Bartolo, Youssef Essesi, Gilbert Xuereb u Redeemer Bellizzi kien parteċipi u nvolut sabiex twettqu diversi reati li huwa akkużat bihom. Illi għalhekk il-Qorti sejra tagħmel analiżi ta' kull imputazzjoni li l-imputat qiegħed jiġi akkużat bihom sabiex finalment tiddeċiedi jekk il-prosekuzzjoni tkunx ippruvat il-każ tagħha sal-grad rikjest mill-liġi.

4. **L-Ewwel Imputazzjoni:** *"talli fix-xhur ta' Awwissu u Settembru 2009, B'meżżi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz jew ta' ħila jew ta' setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ b'qerq ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37c) għad-detriment ta' United Equipment Co. Ltd. Li tinsab 40, Burmarrad Road, Burmarrad;*

Illi fis-sentenza **l-Pulizija vs Arnold Farrugia** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Jannar 2019 ġie indikat is-segwenti:

> *"Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Yvonne Farrugia) Vs Aaron Mizzi'** gie kkunsidrat li: 'Din il-Qorti taqbel mal-argument tal-Avukat Generali fir-rikors tal-appell tieghu meta jghid, "... l-agir frawdolenti tal-imputat ma kienx maghmul b'semplici menzione izda akkumpanjat minn apparat estern li sahhah il-kredibilità tas- sitwazzjoni fabbrikata mill-imputat sabiex jirraggira lill-vittma. Il-messa in scena appuntu, kienet konsistenti fil-fatt li l-imputat iddepozita l-karta tal-identità tieghu mal-vittma u ftiehem mieghu biex izommhielu ghandu bhala garanzija illi kien se jhallas lura l-flus illi kien issellef." Dan l-agir tal-appellat jaqa' nettament taht il- kamp penali*

*u l-ewwel Qorti ma kellhiex twarrab dawn il-fatti biex tghid illi din kienet kwistjoni civili bejn l-appellat u Cardona.*

*Fis-sentenza fl-ismijiet* ***'Il-Pulizija versus George Manicolo'****, gie kkunsidrat li: "Illi l-ġurisprudenza nostrali dejjem kienet illi sabiex jissussisti r-reat ta' truffa mhix biżżejjed is-sempliċi gidba, il-kliem menzjonier, izda hu neċessarju u essenzjali li jkun hemm ukoll l-apparat estern li jagħti fidi u kredibilita' lil dik il-gidba. Dan l-att estern jista' jiehu diversi forom, kultant anke att teatrali. Irid ikun att, jew atti, li jimpressjonaw bniedem ta' intelligenza u prudenza ordinarja u normali, għandhom ikunu atti frawdolenti li neċessarjament iqajmu sentimenti kif indikat fl-artikolu 308 tal-Kap. 9. Irrid ikun hemm ilmessa in xena u ghalhekk, kif intqal, il-gideb waħedhom mhumiex suffiċjenti. Iridu jkunu atti, inkluż kliem ħelu u perswassiv, li jwasslu lil xi ħadd jemmen l-eżistenza ta' xi ħaġa msemmija mil-frodatur, liema ħaġa, in realta', ma teżistix. Minbarra l-gideb ghalhekk, irid ikun hemm l-ingann, ir-raġġiri jew is-simulazzjoni li jwasslu sabiex il-vittma jemmen jew ikollu fidi f'dak li qed jiġi lilu mwiegħed mill-frodatur.*

*Dan l-ingann, għalhekk, għandu jkun akkumpanjat b'artifizji kwazi teatrali, u mhux sempliċement wegħdiet, promessi u kliem sempliċi. Dan hu element ferm importanti fir-reat ta' frodi. Biex ikun hemm dawn l-artifizji, mhux biżżejjed il-kliem waħdu, iżda dan il-kliem għandu jkun elokwenti, studjat u perswassiv; ma' dan it-tip ta' kliem għandu jkun hemm xi ħaġa esterna li apparentement tikkonferma u tipprova l-fatti assenti, ċjoe' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjoni menzjoniera tal-frodatur;*

*Din il-messa in xena hi magħmula minn dawn l-artifizji jew raġġiri idonei li jinduċu u filfatt ikunu induċew lill-vittma fi żball li bħala riżultat ta' dan l-iżball, il-vittma tagħmel jew tonqos li tagħmel xi ħaġa li ġġibilha telf patrimonjali bil-korrispondent qligħ għall-aġent frodatur;*

*Kif ġie stabbilit u riaffermat fil-Qrati tagħna, ikun ħati ta' truffa minn jagħmel użu minn kwalita' falza sabiex jaghmel qligħ għad-dannu ta' haddieħor;'*

*Filwaqt li fis-sentenza fl-ismijiet* ***'Il-Pulizija [Spettur Maurice Curmi] vs Anthony Fountain u Stephen k/a Steve Abela'*** *gie kkunsidrat: 'Illi d-differenza bejn r-reati ipotizzati f'l-artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-elementi rikjesti biex jissussistu dawn ir-reati, hija ben stabbilita fil- gurisprudenza taghna.*

*Fil-Ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill- vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent ... jekk l-ingann jew qerq*

*ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi - dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mis en scene - ikun hemm it-truffa; jekk le ikun hemm hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolenti innominat) Illi x'jikostitwixxi r-raggiri u l-artifizji ukoll huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna.*

*Fi kliem Antolisei artifizio e' ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realta effetuato sia simulando cio che non esiste, sia dissimulando ... cioe che esiste. Il raggiro d'altra parte e un avvolgimento ingenioso di parole, destinate a convincere: piu precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita. .... E certo che l'espressione del codice di per se' richiama l' idea di una certa astuzia o di un sottile accorgimento nel porre l'inganno in opera.*

*Antolisei jkompli jghid pero' li nell'applicazione pratica della legge questa idea e' andata sempre piu affievolendosi, fin quasi a scomparire del tutto. Per tal modo si e' finito con l'ammettere che anche la semplice menzogna puo bastare per dare vita alla truffa.*

*Illi f'dan is-sens anke l-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk dwar il-messa in xena: Il-Ligi taghna ma tirrikjediex li l-messa in xena, cioe dawk l-artifizji jew raggiri, ikunu xi haga kkumplikata jew arkittetta b'hafna pjanijiet.*

*Illi fil-kaz in ezami jirrizulta li l-imputati verament kienu diretturi tas-socjeta Bahia Estates Limited liema socjeta verament kienet akkwistat propjeta biex tizvilluppaha f'binja gdida. Jirrizulta wkoll li fil-fatt din il-propjeta giet zviluppata bil-mod kif kellha tigi zvilluppata. Huwa pacifiku li s-socjeta Bahia Estates Limited kellha diffikoltajiet biex tottjeni ilkancellamenti minghand l-APS Bank Limited biex tkun tista' tbiegh parti mill-binja zvilluppata lill-parte civile. pero' huwa pacifiku ukoll li l-parte civile kienu jafu b'dawn iddiffikoltajiet u xorta baqghu iggeddu l-konvenju. F'dan il-kwadru ta' fatti ma tirrizulta lebda messa in xena, u lanqas ma jirrizulta xi ingann perpetrat da parti tas-socjeta Bahia Estates Limited li permezz tieghu induciet lill-parte civile biex jaghmlu l-pagamenti li fil-fatt ghamlu.*

*Illi tenut kont ta' dan, fid-dawl tal-provi kollha prodotti, fil- fehma tal-Qorti r-reati kontemplati f'l-artikoli 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta lanqas ma gew pruvati.*

*Fis-sentenza fl-ismijiet* ***'Il-Pulizija Spettur Chris Pullicino Vs Joseph Incorvaja'*** *gie kkunsidrat li:*

*'Fir-raba' akkuza l-imputat gie akkuzat bir-reat ta' frodi, kif kontemplat fl-artikolu 308. Din il-Qorti, ghal kull bon fini, taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal- Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v*

*Mark Schembri fejn hemm dettaljatament deskritt l-origini ta' dan r-reat fis-sistema nostrana, kif ukoll dettalji estensivi dwar lelementi rikjesti mil-ligi taghna ghal biex jigi ntegrat r-reat ta' truffa.*

*Id-disposizzjonijiet tal-Kodici taghna, kienu gew mehuda minn Sir Adrian Dingli millparagrafu 5 tal-artikolu 430 tal-Codice delle due Sicilie li hu identiku, hlief ghal xi kelmiet insinifikanti, ghal Kodici Franciz (artikolu 405), avolja dan, il-Codice delle due Sicilie, ittruffa kien jsejhilha frodi - del resto anke llum dan d-delitt fil-Kodici taghna, hu indikativ bhala 'frodi b'ghemil qarrieqi'.*

*Skond il-gurisprudenza kostanti li din il-Qorti kif presjeduta taqbel maghha, l-ingredjenti talelement materjali ta' dan id-delitt ta' truffa huma dawn li gejjin:*

*Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' jkun kulhadd inkluz l-imputat.*

*Fit-tieni lok il-Legislatur, aktar mill-interess socjali tal- fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu talingann u tar-raggiri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.*

*Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa, w jikkommetti d-delitt ta' truffa kull min –*

- *a. b'mezzi kontra l-ligi, jew*
- *b. billi jaghmel uzu ta' ismijiet foloz, jew*
- *c. ta' kwalifiki foloz,*
- *d. billi jinqeda b'qerq iehor, u*
- *e. ingann, jew*
- *f. billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l- esiztenza ta' intraprizi foloz,*
- *g. jew ta' hila*
- *h. setgha fuq haddiehor, jew*
- *i. ta' krediti mmaginarji, jew*
- *j. sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.*

*Fis-sentenza tas-sebgha w ghoxrin ta' Mejju, 1895 moghtija mill-Qorti Kriminali fil-kawza fl-ismijiet* ***Rex v Vittorio Azzopardi*** *(vol.XXIX - IV -pg. 398) dik il-Qorti ccitat estensivament minn Chaveau et Helie u anke minn sentenzi tal-Corte di Cassazzione ta' Parigi biex tispjega li hu necessarju, biex ikun hemm r-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li*

*jimpressjonaw bniedem ta' prudenza w sagacja ordinarja, li jridu jikunu frawdolenti w li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li jqajjmu sentimenti kif hemm indikat fil- ligi.*

*F'dik is-sentenza ssemmiet wkoll is-sentenza* ***Regina v Giuseppe Galea*** *tat-tnax ta' Mejju, 1887 fejn gie stabbilit li :- "che per costituire la frode sotta la disposizione di quel articolo 282 (illum 308) non e' necessario la concorrenza di ambedue i mezzi menzjonati nell'atto di accusa essendo sufficiente l'impiego di inganno o di simulazione per persuadere l'esistenza din un credito immaginario anche senza un artifizio contrario ai regolamenti"*

*Dwar l-artifizji hemm diversi sentenzi tal-Qrati taghna. L- Imhallef William Harding fil-kawza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v Nikola Bonnici*** *deciza fis-sebgha w ghoxrin ta' Mejju, 1944 jghid:-*

*"il-Qorti t'isfel fis-sentenza taghha...waslet ghal konkluzzjoni li hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 309 (illum 308) illi dak il-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-merti tal-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza Regina v* ***Francesco Cachia u Charles Beck*** *deciza fit- tnejn ta' Jannar, 1896 li fiha intqal li 'quel articolo non richiede solamente una asserzione menzoniera e falza ma richiede inoltre che siano stato impegnate inganno, raggire o simulazione ed e necessario quindi che la falza assertiva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede."*

*L-Imhallef Guze Flores fil-kawza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v Carmelo Cassar Parnis*** *deciza minn din il-Qorti fil- wiehed u tletin ta' Ottubru, 1959, segwa l-istess interpretazzjoni u esprima ruhu hekk: "Ghar-reati ta' truffa kontemplat fl-artikolu 322 (illum 308) tal-Kodici Kriminali kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghal verosimiljanza tal- falsita' prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzonjeri tal-frodatur".*

*Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi teatrali li tissupera l- kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti lil dawk l-esterjorita' kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid- dritt Franciz mis en scene. L-istess interpretazzjoni l- Imhallef Flores irrepetiha fis-sentenza tieghu fil-kawza flismijiet* ***Police v Schreiner*** *tat-tlieta ta' Mejju, 1956 u fil- kawza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v Gerald Parretti*** *deciza fis-sebgha ta' April, 1950.*

*Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan r-reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann il-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profitt ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa hemm bzonn li s-sugett attiv tar-reat fil-mument tal- konsumazzjoni tieghu ikun konxju tal-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttiva tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo.*

*Ghal dak li hi definizzjoni jew tifsira x'inhuma akkuzi jew raggiri (mise en scene), iddefinizzjnoi moghtija mill- Antolisei fil-ktieb tieghu Manuale di diritto penale ( vol 1 - pg. 280) hija bizzejjed : "nel suo significato letterale artifizio e' ogni studiato trasfigurazione del vero, ogni cammufamento della realta affettuate sia simulando cio che non esiste ( per ezempio, richezze, titoli, nome, qualita ecc. ) sia dissimulando vale a dire, nascondendo cio che esiste ( per ezempio il proprio stato di insolvenza.)"*

*Issa f'dan il-kaz l-imputat kien jaf li ma kienx intitolat ghal flus li kien qed jippretendi minghand l-insurance, izda dan nonostante kkreja c-cirkostanzi biex jiddefroda lillistess insurance, u ghalhekk huwa bizzejjed li nqeda b'qerq u ngann kif imsemmi flartikolu fuq imsemmi 308, u dan billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen lezistenza ta' kreditu mmaginarju. Il-mis en scene f'din il-kawza jammonta ghal dak lapparat estern li gieghel lill-ufficjal tas-socjeta' assikuratrici jemmen li kollox kien miexi regolari w ghalhekk una volta kkrejata din il-mis en scene billi ghamel rapport ghand il-pulizija ha sehem f'inkjesta magisterjali u, una volta kkreja dan l-apparat estern, intiz proprju biex jinganna, r-reat in kwistjoni jkun integru."*

F'dan il-każ mill-provi jirriżulta li l-pjan sabiex l-persuni jiġu ngannati u ffrodati kien maħdum b'mod professjonali. Il-pjan beda billi nsteraq chequebook, imbagħad mill-provi jirriżulta ampjament ċar li kienu qegħdin isiru telefonati sabiex jiġu ordnati l-affarijiet jew inkella għad-dirittura anke kienu jmorru jaraw l-affarijiet fl-istabbiliment stess. Kien qed jintalab li ssir d-delivery ta' dawn l-affarijiet u meta ssir id-delivery, id-delivery persons kienu qegħdin isibu persuna (ħafna mix-xhieda użaw il-frażi għadu tifel) fejn kien jinfurmahom li kien se jċempel lill-imgħallem għax ma kienx jinsab fuq il-post. Eventwalment kienu jiġu nfurmati li l-imgħallem kien se jdum biex jasal u għalhekk kienu jiġu mitluba sabiex jħallu kollox fuq il-bankina. Dakinhar tad-delivery, id-delivery persons kienu jingħataw iċ-ċekk (naturalment miċ-chequebook misruq) u fuq wara taċ-ċekk kien anke jitniżżel numra ta' karta' tal-identita' u saħansitra anke

kien jitniżżel mobile number. Pjan maħdum bizzilla sabiex ikun aċċertat li l-persuni fil-mira li jiġu ngannati ma jindunaw b'xejn ħlief meta jkun tard wisq u dan għaliex jindunaw li ġew ingannati meta ma jissarrafx iċ-ċekk.

Kif diġa ngħad din il-Qorti hija moralment konvinta li l-imputat flimkien ma Alan Bartolo, Youssef Essesi, Gilbert Xuereb u Redeemer Bellizzi kien parteċipi u nvolut sabiex twettqu dawn ir-reati. Mill-provi jirriżulta li l-imputat flimkien ma persuni oħra għamel qligħ b'qerq ta' elfejn, erba' mija u tnejn u sebgħin ewro (€2,472) għad-detriment ta' United Equipment Co. Ltd.

**Għalhekk il-Qorti se ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni stante li l-Qorti tqis li din imputazzjoni tirriżulta sodisfaċentement ippruvata.**

5. **It-Tieni Imputazzjoni:** *"talli fix-xhur ta' Awwissu u Settembru 2009, f'dawn il-Gżejjer, flimkien ma persuni oħra, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda B'meżżi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz jew ta' ħila jew ta' setgħa fuq ħaddiehor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ b'qerq ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37c) għad-detriment"*

Jirriżulta li fit-23 ta' Settembru 2013 il-Qorti ordnat li l-proċeduri jerġgħu jibdew mill-ġdid. Dakinhar reġgħu ġew preżentati u moqrija l-akkużi dedotti fil-konfront tal-imputat. F'din it-tieni imputazzjoni, kif preżentata u moqrija fit-23 ta' Settembru 2013 ma hemmx indikat il-persuna li l-imputat għamel qligħ b'qerq minnha.

**Għalhekk din il-Qorti ma hijiex se ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni stante li ma ġietx ippruvata.**

6. **It-Tielet Imputazzjoni:** *"talli fix-xhur ta' Awwissu u Settembru 2009, f'dawn il-Gżejjer, flimkien ma persuni oħra, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz jew ta' ħila jew ta' setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ b'qerq ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37c) għad-detriment Norman Galea u Christopher Galea proprjetarji ta' Freddie's Household Co. Ltd li tinsab Eucharistic, Congress Road, Mosta;"*

Kif diġa ngħad din il-Qorti hija moralment konvinta li l-imputat flimkien ma Alan Bartolo, Youssef Essesi, Gilbert Xuereb u Redeemer Bellizzi kien parteċipi u nvolut sabiex twettqu dawn ir-reati.

Mill-provi jirriżulta illi l-imputat flimkien ma persuni oħra għamel qligħ b'qerq ta' elfejn, tlett mitt ewro (€2,300) għad-detriment ta' Freddie's Household Co. Ltd.

**Għalhekk il-Qorti se ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni stante li l-Qorti tqis li din imputazzjoni tirriżulta sodisfaċentement ippruvata.**

7. **Ir-Raba Imputazzjoni:** *"talli fix-xhur ta' Awwissu u Settembru 2009, f'dawn il-Gżejjer, flimkien ma persuni oħra, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz jew ta' ħila jew ta' setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ b'qerq ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37c) għad-detriment Alfred Bugeja, proprjetarju ta' Right Deal Ltd, Bormla;:*

Kif diġa ngħad din il-Qorti hija moralment konvinta li l-imputat flimkien ma Alan Bartolo, Youssef Essesi, Gilbert Xuereb u Redeemer Bellizzi kien parteċipi u nvolut sabiex twettqu dawn ir-reati.

Mill-provi jirriżulta illi l-imputat flimkien ma persuni oħra għamel qligħ b'qerq ta' elfejn, mitejn u disgħin ewro (€2,290) għad-detriment ta' Right Deal Ltd.

**Għalhekk il-Qorti se ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni stante li l-Qorti tqis li din imputazzjoni tirriżulta sodisfaċentement ippruvata.**

8. **Il-Ħames Imputazzjoni:** *"talli fix-xhur ta' Awwissu u Settembru 2009, f'dawn il-Gżejjer, flimkien ma persuni oħra, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda b'meżżi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz jew ta' ħila jew ta' setgħa fuq ħaddiehor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ b'qerq ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37c) għad-detriment ta' Ventura General Gas Limited, li tinsab ġewwa Aldo Moro, Marsa;"*

Kif diġa ngħad din il-Qorti hija moralment konvinta li l-imputat flimkien ma Alan Bartolo, Youssef Essesi, Gilbert Xuereb u Redeemer Bellizzi kien parteċipi u nvolut sabiex twettqu dawn ir-reati.

Mill-provi jirriżulta illi l-imputat flimkien ma persuni oħra għamel qligħ b'qerq ta' elfejn, mitejn u ħamsa u għoxrin ewro (€2,225) għad-detriment ta' Ventura General Gas Limited.

**Għalhekk il-Qorti se ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni stante li l-Qorti tqis li din imputazzjoni tirriżulta sodisfaċentement ippruvata.**

9. **Is-Sitt Imputazzjoni:** *"talli fix-xhur ta' Awwissu u Settembru 2009, f'dawn il-Gżejjer, flimkien ma persuni oħra, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz jew ta' ħila jew ta' setgħa fuq ħaddiehor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ b'qerq ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37c) għad-detriment Zahra Enterprises Limited, li tinsab fi Triq Santa Katerina, Attard;"*

Kif diġa ngħad din il-Qorti hija moralment konvinta li l-imputat flimkien ma Alan Bartolo, Youssef Essesi, Gilbert Xuereb u Redeemer Bellizzi kien parteċipi u nvolut sabiex twettqu dawn ir-reati.

Mill-provi jirriżulta illi l-imputat flimkien ma persuni oħra għamel qligħ b'qerq ta' elfejn, mija u disa' u erbgħin ewro (€2,149) għad-detriment ta' Zahra Enterprise Limited.

**Għalhekk il-Qorti se ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni stante li l-Qorti tqis li din imputazzjoni tirriżulta sodisfaċentement ippruvata.**

10. **Is-Seba' Imputazzjoni:** *"talli fix-xhur ta' Awwissu u Settembru 2009, f'dawn il-Gżejjer, flimkien ma persuni oħra, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz jew ta' ħila jew ta' setgħa fuq ħaddiehor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ b'qerq ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37c) għad-detriment Associated Motors Co. Ltd, li tinsab fi Mrieħel Bypass, Mrieħel;"*

Kif diġa ngħad din il-Qorti hija moralment konvinta li l-imputat flimkien ma Alan Bartolo, Youssef Essesi, Gilbert Xuereb u Redeemer Bellizzi kien parteċipi u nvolut sabiex twettqu dawn ir-reati.

Mill-provi jirriżulta illi l-imputat flimkien ma persuni oħra għamel qligħ b'qerq ta' elf, tmien mija u tnejn u sittin ewro (€1,860) għad-detriment ta' Associated Motors Co. Ltd.

**Għalhekk il-Qorti se ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni stante li l-Qorti tqis li din imputazzjoni tirriżulta sodisfaċentement ippruvata.**

11. **It-Tmien Imputazzjoni:** *"talli fix-xhur ta' Awwissu u Settembru 2009, f'dawn il-Gżejjer, flimkien ma persuni oħra, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda b'meżżi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz jew ta' ħila jew ta' setgħa fuq ħaddiehor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ b'qerq ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37c) għad-detriment ta' Etienne Grima Industrial Supplies li tinsab f'Imdina Road, Żebbuġ;"*

Kif diġà ngħad din il-Qorti hija moralment konvinta li l-imputat flimkien ma Alan Bartolo, Youssef Essesi, Gilbert Xuereb u Redeemer Bellizzi kien parteċipi u nvolut sabiex twettqu dawn ir-reati.

Mill-provi jirriżulta illi l-imputat flimkien ma persuni oħra għamel qligħ b'qerq ta' ftit anqas minn elf Lira Maltin għad-detriment ta' Etienne Grima Industrial Supplies.

**Għalhekk il-Qorti se ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni stante li l-Qorti tqis li din imputazzjoni tirriżulta sodisfaċentement ippruvata.**

12. **Id-Disa' Imputazzjoni:** *"talli fix-xhur ta' Awwissu u Settembru 2009, f'dawn il-Gżejjer, flimkien ma persuni oħra, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda b'meżżi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz jew ta' ħila jew ta' setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ b'qerq ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37c) għad-detriment ta' Sound Machine Limited li tinsab fi Psaila Street, Birkirkara;"*

Kif diġà ngħad din il-Qorti hija moralment konvinta li l-imputat flimkien ma Alan Bartolo, Youssef Essesi, Gilbert Xuereb u Redeemer Bellizzi kien parteċipi u nvolut sabiex twettqu dawn ir-reati.

Mill-provi jirriżulta illi l-imputat flimkien ma persuni oħra għamel qligħ b'qerq ta' elf, seba' mija u sitta u sittin ewro (€1,766) għad-detriment ta' Sound Machine Limited

**Għalhekk il-Qorti se ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni stante li l-Qorti tqis li din imputazzjoni tirriżulta sodisfaċentement ippruvata.**

13. **L-Għaxar Imputazzjoni:** *"talli fix-xhur ta' Awwissu u Settembru 2009, f'dawn il-Gżejjer, flimkien ma persuni oħra, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda b'meżżi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz jew ta' ħila jew ta' setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ b'qerq ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37c) għad-detriment ta' William Gatt, propjetarju ta' GW Installations and Services li tinsab f'99 Eucharistic Congress, Mosta;"*

Kif diġa ngħad din il-Qorti hija moralment konvinta li l-imputat flimkien ma Alan Bartolo, Youssef Essesi, Gilbert Xuereb u Redeemer Bellizzi kien parteċipi u nvolut sabiex twettqu dawn ir-reati.

Mill-provi jirriżulta illi l-imputat flimkien ma persuni oħra għamel qligħ b'qerq ta' elf, tlett mija u seba' u ħamsin ewro (€1,357) għad-detriment ta' GW Installations and Services.

**Għalhekk il-Qorti se ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni stante li l-Qorti tqis li din imputazzjoni tirriżulta sodisfaċentement ippruvata.**

14. **Il-Ħdax Imputazzjoni:** *"talli fix-xhur ta' Awwissu u Settembru 2009, f'dawn il-Gżejjer, flimkien ma persuni oħra, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda b'meżżi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz jew ta' ħila jew ta' setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ b'qerq ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37c) għad-detriment ta' Norbert Attard bin-numru tal-karta tal-identita' numru 351969 (M);"*

Kif diġa ngħad din il-Qorti hija moralment konvinta li l-imputat flimkien ma Alan Bartolo, Youssef Essesi, Gilbert Xuereb u Redeemer Bellizzi kien parteċipi u nvolut sabiex twettqu dawn ir-reati.

Mill-provi jirriżulta illi l-imputat flimkien ma persuni oħra għamel qligħ b'qerq ta' elf, mija u sittin ewro (€1,160) għad-detriment ta' Norbert Attard.

**Għalhekk il-Qorti se ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni stante li l-Qorti tqis li din imputazzjoni tirriżulta sodisfaċentement ippruvata.**

15. **It-Tnax Imputazzjoni:** *"talli fix-xhur ta' Awwissu u Settembru 2009, f'dawn il-Gżejjer, flimkien ma persuni oħra, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz jew ta' ħila jew ta' setgħa fuq ħaddiehor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ b'qerq ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37c) għad-detriment ta' JDS Supplies Ltd. Li tinsab f'106, Old Railway Road, Santa Venera;"*

Kif diġa ngħad din il-Qorti hija moralment konvinta li l-imputat flimkien ma Alan Bartolo, Youssef Essesi, Gilbert Xuereb u Redeemer Bellizzi kien parteċipi u nvolut sabiex twettqu dawn ir-reati.

Mill-provi jirriżulta illi l-imputat flimkien ma persuni oħra għamel qligħ b'qerq ta' disa' mija u disa' u disgħin ewro (€999) għad-detriment ta' JDS Supplies Ltd.

**Għalhekk il-Qorti se ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni stante li l-Qorti tqis li din imputazzjoni tirriżulta sodisfaċentement ippruvata.**

16. **It-Tlettax Imputazzjoni:** *"talli fix-xhur ta' Awwissu u Settembru 2009, f'dawn il-Gżejjer, flimkien ma persuni oħra, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz jew ta' ħila jew ta' setgħa fuq ħaddiehor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ b'qerq ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37c) għad-detriment ta' Visual Electronics li jinsab f'Hompesh Road, Fgura;"*

**Stante l-fatt li mil-provi ma kienx stabblilit l-ammont li l-imputat għamel qligħ b'qerq għad-detriment ta' Visual Electronics, din il-Qorti m'hijiex se ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni peress li ma ġietx ippruvata.**

17. **L-Erbatax Imputazzjoni:** *"talli fix-xhur ta' Awwissu u Settembru 2009, f'dawn il-Gżejjer, flimkien ma persuni oħra, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda b'meżżi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz jew ta' ħila jew ta' setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ b'qerq ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37c) għad-detriment ta' Crosscraft li jinsb fi Triq is-Sebħ, Qormi;"*

Kif diġa ngħad din il-Qorti hija moralment konvinta li l-imputat flimkien ma Alan Bartolo, Youssef Essesi, Gilbert Xuereb u Redeemer Bellizzi kien parteċipi u nvolut sabiex twettqu dawn ir-reati.

Mill-provi jirriżulta illi l-imputat flimkien ma persuni oħra għamel qligħ b'qerq ta' sitt mija u ħamsa u għoxrin ewro (€625) għad-dannu ta' Crosscraft.

**Għalhekk il-Qorti se ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni stante li l-Qorti tqis li din imputazzjoni tirriżulta sodisfaċentement ippruvata.**

18. **Il-Ħmistax Imputazzjoni:** *"talli fix-xhur ta' Awwissu u Settembru 2009, f'dawn il-Gżejjer, flimkien ma persuni oħra, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda b'meżżi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz jew ta' ħila jew ta' setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ b'qerq ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux*

*aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37c) għad-detriment ta' Coleiro General Supplies Ltd. Li jinsab fi Triq il-Wied, Birkirkara;'*

Kif diġa ngħad din il-Qorti hija moralment konvinta li l-imputat flimkien ma Alan Bartolo, Youssef Essesi, Gilbert Xuereb u Redeemer Bellizzi kien parteċipi u nvolut sabiex twettqu dawn ir-reati.

Mill-provi jirriżulta illi l-imputat flimkien ma persuni oħra għamel qligħ b'qerq ta' ħames mija u u disgħin ewro (€590) għad-detriment ta' Coleiro General Supplies Ltd.

**Għalhekk il-Qorti se ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni stante li l-Qorti tqis li din imputazzjoni tirriżulta sodisfaċentement ippruvata.**

19. **Is-Sittax Imputazzjoni:** *"talli fix-xhur ta' Awwissu u Settembru 2009, f'dawn il-Gżejjer, flimkien ma persuni oħra, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda b'meżżi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz jew ta' ħila jew ta' setgħa fuq ħaddiehor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ b'qerq ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37c) għad-detriment ta' Home Trends, li tinsab ġewwa il-Qasam Industrijali ta' San Ġwann;"*

Kif diġa ngħad din il-Qorti hija moralment konvinta li l-imputat flimkien ma Alan Bartolo, Youssef Essesi, Gilbert Xuereb u Redeemer Bellizzi kien parteċipi u nvolut sabiex twettqu dawn ir-reati.

Mill-provi jirriżulta illi l-imputat flimkien ma persuni oħra għamel qligħ b'qerq ta' erba' mija u disa' u tmenin ewro u tlieta u għoxrin ċenteżmi (€489.23c) għad-detriment ta' Home Trends.

**Għalhekk il-Qorti se ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni stante li l-Qorti tqis li din imputazzjoni tirriżulta sodisfaċentement ippruvata.**

20. **Is-Sbatax Imputazzjoni:** *"talli fix-xhur ta' Awwissu u Settembru 2009, f'dawn il-Gżejjer, flimkien ma persuni oħra, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda b'meżżi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz jew ta' ħila jew ta' setgħa fuq ħaddiehor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ b'qerq ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37c) għad-detriment ta' Pit Stop li jinsab fi Triq Ġuże Ellul Mercer, Qormi;"*

**Stante l-fatt li mil-provi ma kienx stabblilit l-ammont li l-imputat għamel qligħ b'qerq għad-detriment ta' Pit Stop, din il-Qorti ma hijiex se ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni stante li ma ġietx ippruvata.**

21. **It-Tmintax Imputazzjoni:** *"talli fix-xhur ta' Awwissu u Settembru 2009, f'dawn il-Gżejjer, flimkien ma persuni oħra, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda b'meżżi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz jew ta' ħila jew ta' setgħa fuq ħaddiehor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ b'qerq ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37c) għad-detriment ta' Tip Top li jinsab fil-Fgura;"*

Kif diġa ngħad din il-Qorti hija moralment konvinta li l-imputat flimkien ma Alan Bartolo, Youssef Essesi, Gilbert Xuereb u Redeemer Bellizzi kien parteċipi u nvolut sabiex twettqu dawn ir-reati.

Mill-provi jirriżulta illi l-imputat flimkien ma persuni oħra għamel qligħ b'qerq ta' elf, mitejn u disgħin ewro (€1,290) għad-detriment ta' Tip Top.

**Għalhekk il-Qorti se ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni stante li l-Qorti tqis li din imputazzjoni tirriżulta sodisfaċentement ippruvata.**

22. **Id-Dsatax Imputazzjoni:** *"talli fix-xhur ta' Awwissu u Settembru 2009, f'dawn il-Gżejjer, flimkien ma persuni oħra, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda b'meżżi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz jew ta' ħila jew ta' setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ b'qerq ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37c) għad-detriment ta' Forestals li jinsab fil-Gżira/Mrieħel/B'kara;"*

Kif diġa ngħad din il-Qorti hija moralment konvinta li l-imputat flimkien ma Alan Bartolo, Youssef Essesi, Gilbert Xuereb u Redeemer Bellizzi kien parteċipi u nvolut sabiex twettqu dawn ir-reati.

Mill-provi jirriżulta illi l-imputat flimkien ma persuni oħra għamel qligħ b'qerq ta' elfejn u mitejn ewro (€2,200) għad-detriment ta' Forestals.

**Għalhekk il-Qorti se ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni stante li l-Qorti tqis li din imputazzjoni tirriżulta sodisfaċentement ippruvata.**

23. **L-Għoxrin Imputazzjoni:** *"talli fix-xhur ta' Awwissu u Settembru 2009, f'dawn il-Gżejjer, flimkien ma persuni oħra, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda b'meżżi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz jew ta' ħila jew ta' setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ b'qerq ta' aktar*

*minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37c) billi xtraw erba' LCD televisions tad-ditta Sepia għad-detriment ta' Brian Vella;"*

**Stante l-fatt li mil-provi ma kienx stabblilit l-ammont li l-imputat għamel qligħ b'qerq għad-detriment ta' Brian Vella, din il-Qorti m'hijiex se ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni peress li ma ġietx ippruvata.**

24. **Il-Wieħed u Għoxrin Imputazzjoni:** *"talli fix-xhur ta' Awwissu u Settembru 2009, f'dawn il-Gżejjer, flimkien ma persuni oħra, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz jew ta' ħila jew ta' setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ b'qerq ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37c) billi xtraw żewġ kumpressuri għad-detriment ta' R Grech & Sons Ltd;"*

Kif diġa ngħad din il-Qorti hija moralment konvinta li l-imputat flimkien ma Alan Bartolo, Youssef Essesi, Gilbert Xuereb u Redeemer Bellizzi kien parteċipi u nvolut sabiex twettqu dawn ir-reati.

Mill-provi jirriżulta illi l-imputat flimkien ma persuni oħra għamel qligħ b'qerq ta' elfejn, disa' mija u tnejn u sittin ewro (€2,962) għad-detriment ta' Forestals.

**Għalhekk il-Qorti se ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni stante li l-Qorti tqis li din imputazzjoni tirriżulta sodisfaċentement ippruvata.**

25. **It-Tnejn u Għoxrin Imputazzjoni:** *"talli fix-xhur ta' Awwissu u Settembru 2009, f'dawn il-Gżejjer, flimkien ma persuni oħra, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz jew ta' ħila jew ta' setgħa fuq ħaddieħor jew*

*ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ b'qerq ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37c) għad-detriment ta' Top Choice sitwati fil-Ħamrun;*

Kif diġa ngħad din il-Qorti hija moralment konvinta li l-imputat flimkien ma Alan Bartolo, Youssef Essesi, Gilbert Xuereb u Redeemer Bellizzi kien parteċipi u nvolut sabiex twettqu dawn ir-reati.
Mill-provi jirriżulta illi l-imputat flimkien ma persuni oħra għamel qligħ b'qerq ta' seba' mija u disa' u disgħin ewro (€799) għad-detriment ta' Top Choice.

**Għalhekk il-Qorti se ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni stante li l-Qorti tqis li din imputazzjoni tirriżulta sodisfaċentement ippruvata.**

26. **Is-Tlieta u Għoxrin Imputazzjoni:** *"talli fix-xhur ta' Awwissu u Settembru 2009, f'dawn il-Gżejjer, flimkien ma persuni oħra, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz jew ta' ħila jew ta' setgħa fuq ħaddiehor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ b'qerq ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37c) għad-detriment ta' Compleet IS sitwat fl-Mrieħel;"*

Kif diġa ngħad din il-Qorti hija moralment konvinta li l-imputat flimkien ma Alan Bartolo, Youssef Essesi, Gilbert Xuereb u Redeemer Bellizzi kien parteċipi u nvolut sabiex twettqu dawn ir-reati.

Mill-provi jirriżulta illi l-imputat flimkien ma persuni oħra għamel qligħ b'qerq ta' elf Lira Maltin (Lm1000) għad-detriment ta' Compleet IS.

**Għalhekk il-Qorti se ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni stante li l-Qorti tqis li din imputazzjoni tirriżulta sodisfaċentement ippruvata.**

27. **L-Erba' u Għoxrin Imputazzjoni:** *"U aktar talli fit-2 ta' Settembru 2009 jew fix-xhur ta' qabel din id-data f'dawn il-Gżejjer, flimkien ma persuni oħra ikkommetta serq ta' cheque book għad-dannu ta' Vittorio Maria Cuschieri u/jew persuna/i oħra;"*

Illi kif diġa ngħad l-imputat minn dejjem ċaħad li huwa kien involut f'dawn ir-reati, inkluż li kkommetta serq ta' chequebook.

Min naħa l-oħra Alan Bartolo xehed li kien Youssef Essesi li kien sgassa letterbox u seraq ic-chequebook. Youssef Essesi xehed li huwa sar jaf li ċ-ċekkijiet kienu foloz wara r-raba' jew il-ħames delivery għax bdew jirċievu t-telefonati li ċ-ċekkijiet ma kienux qegħdin jissarfu.

**Din il-Qorti wara li fliet sew l-atti proċesswali u l-provi li għandha quddiemha, jirriżultawla provi konfliġġenti rigward din l-imputazzjoni u ma hijiex moralment konvinta li kien l-imputat li seraq ic-chequeboook, u għalhekk ma hijiex se ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni stante li ma ġietx ippruvata.**

28. **Il-Ħamsa u Għoxrin Imputazzjoni:** *"Talli bejn it-2 u t-3 ta' Ġunju 2009 minn Triq Patri Wistin Magro (Burmarrad), San Pawl il-Baħar kkommetta serq ta' vettura ta' l-għamla Sierra Cosworth bin-numru ta' reġistrazzjoni esteru F605UMD, liema serq huwa kwalifikat bil-ħin, bix-xorta tal-ħaġa misruqa, bill-mezz u bil-valur li jeċċedi l-elfejn tlett mija u tletin ewro għad-dannu ta' Darren Pisani u/jew persuna/i oħra;"*

Stephen Cachia in rappreżentanza ta' Transport Malta xehed li rigward il-vettura bin-numru F605UMD Transport Malta m'għandhiex records għax hija vettura reġistrata barra minn Malta.

Fir-relazzjoni tal-A.I.C. Richard Aquilina li tinsab fil-proċess verbal dwar serq bi sgass minn garaxx sitwat f'Triq Patri Wistin Magro, f'Burmarrad skond rapport tal-Pulizija

tat-3 ta' Ġunju 2009 tal-Maġistrat Dr Joseph Apap Bologna, fit-3 ta' Ġunju 2009 fil-5.00pm fuq il-post tal-inċident Darren Pisani kien xehed is-segwenti:

*"...F'dak il-Garage jiena kelli karozza Ford Sierra Cosworth..."*
*"...Din il-karozza kont ġibtha mal-ħabib tiegħi u kont qiegħed inżomma jien biex forsi inbiegħuha..."*
*"Ilbieraħ filgħaxija jien ipparkjajt il-karozza l-oħra Subaru Legacy quddiem il-bieb tal-garage tiegħi. Dan kien f'xi 9.30pm. Sa dak il-ħin il-bieb tal-garage kien għadu bla ħsara..."*
*"Dalgħodu jien inżilt fil-Garage f'xi 10.00/10.30 u kif ftaħt il-bieb tal-lift sibt il-bieb tal-Garage tiegħi miftuħ għal fuq dan il-bieb u s-Subaru kienet mkaxkra il-bogħod mill-Garage u l-Ford ma kienitx ġewwa..."*
*"Il-Karozza konna xtrajniha flimkien jien u sieħbi Ruben Micallef, iżda ħallas kollox hu. Il-prezz kien xi Lm2000..."*

Artiklu 263 tal-Kodiċi Kriminali jingħad li:

*"Is-serq huwa ikkwalifikat bil-"mezz" –*
*(a) meta jsir bi ksur ta' ġewwa jew ta' barra, b'imfietaħ foloz, jew bi skalata;"*

Fl-Artiklu 267 tal-Kodiċi Kriminali jingħad li:

*"Is-serq huwa ikkwalifikat bil-"valur", meta l-ħaġa misruqa tkun tiswa aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94)."*

Fl-Artikolu 270 tal-Kodiċi Kriminali jingħad li:

*"Huwa ikkwalifikat bil-"ħin" is-serq li jsir bil-lejl, jiġifieri,bejn inżul u t-tlugħ ix-xemx."*

Fl-Artiklu 271 tal-Kodiċi Kriminali jingħad li:

*"Is-serq huwa ikkwalifikat bix-"xorta tal-ħaġa misruqa" -*
*(g) meta jsir fuq xi vettura f'post pubbliku jew f'post aċċessibbli għall-pubbliku, jew fuq xi parti jew aċċessorju ta', jew fuq xi ħaġa li tkun ġo, dik il-vettura;"*

Minkejja li l-imputat ċaħad li huwa kien involut fis-serqa tal-vettura f'din l-imputazzjoni, madanakollu fix-xhieda tagħhom kemm Alan Bartolo u anke Redeemer Bellizzi ndikaw il-persuni kollha li kienu nvoluti fis-serqa ta' din il-vettura inkluż lill-imputat.

**Għalhekk il-Qorti se tkun qiegħda issib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni u ċjoe ħati li kkommetta serq ta' vettura ta' l-għamla Sierra Cosworth bin-numru ta' reġistrazzjoni esteru F605UMD, liema serq huwa kwalifikat bil-ħin bill-meżż u bil-valur iżda mhux kwalifikat bix-xorta tal-ħaġa għaliex ma jirriżultax li l-vettura kienet f'post pubbliku jew f'post aċċessibli għal pubbliku.**

29. **Is-Sitta' u Għoxrin Imputazzjoni:** *"Talli bejn it-2 u t-3 ta' Ġunju 2009 minn Triq Patri Wistin Magro (Burmarrad), San Pawl il-Baħar kkommetta serq ta' sett numri ta' reġistrazzjoni ta' vettura b'numru GAC208, liema serq huwa kwalifikat bil-ħin, bix-xorta tal-ħaġa misruqa, bill-meżż u bix-xorta tal-ħaġa misruqa u sar għad-dannu ta' Darren Pisani u/jew persuna/i oħra;"*

Din il-Qorti wara li flit sew l-atti proċesswali u 'l-provi li għandha quddiemha, b'mod partikolari x-xhieda ta' Youssef Essesi, Alan Bartolo u Redeemer Bellizzi jirriżultalha li l-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova din l-imputazzjoni mingħajr ebda dubju dettat mir-raġuni u dan anke għal fatt li la mix-xhieda ta' Youssef Essesi, la mix-xhieda ta' Alan Bartolo u lanqas mix-xhieda ta' Redeemer Bellizi ma jirriżulta mingħajr dubju dettat mir-raġuni li l-imputat kien involut fis-serq ta' sett numri ta' reġistrazzjoni ta' vettura b'numru GAC208.

**Il-Qorti ma hijiex moralment konvinta li l-imputat kkommetta serq ta' sett numri ta' reġistrazzjoni ta' vettura b'numru GAC208 u għalhekk m'hijiex se ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni stante li ma ġietx ippruvata.**

30. **Is-Seba' u Għoxrin Imputazzjoni:** *"U fl-aħħar nett talli fl-istess dati, lok, ħinijiet u ċirkostanzi xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruq li ġew meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun indaħal biex ibiegħom jew imexxihom;"*

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu l-imputat jargumenta li din l-imputazzjoni ġiet miġjuba fil-konfront tiegħu b'mod alternattiv għar-reat ta' frodi.

Jingħad li l-imputat ma huwiex sejjer jinstab ħati fost l-oħrajn tat-tlettax, tas-sbatax u tal-għoxrin imputazzjoni li lkoll kienu jinkwadraw ir-reat ta' frodi u dan minħabba l-fatt li l-prosekuzzjoni baqgħet ma ppruvatx mingħajr dubju dettat mir-raġuni l-ammont li l-imputat għamel qligħ għad-detriment tal-vittmi. Għalhekk il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tistabbilixxi jekk l-imputat għandux jinstab ħati tar-reat ta' riċetazzjoni.

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Saviour Agius** deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali Malta fl-20 ta' Frar 2023 ingħad is-segwenti:

> *"Illi d-definizzjoni legali tar-reat ta' ricettazzjoni tinsab fil-Kodici Kriminali fl-Artikolu 334 li jghid hekk:*
>
> *"Kull min f'Malta xjentement jilqa' ghandu jew jixtri hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, jindahal biex ibieghhom jew imexxihom, jehel, meta jinsab hati –*
>
> *(a) jekk il-haga tkun gejja minn serq, bil-pieni tas-serq, skont il-valur tal-haga;*
>
> *(b) jekk il-haga tkun gejja minn wiehed mir-reati dwar hwejjeg akkwistati jew mizmuma kontra l-ligi, bil-piena li hemm ghal min hekk jakkwista jew izomm;*
>
> *(c) jekk tkun gejja minn frodi, bil-pieni li hemm ghal dik ix-xorta ta' frodi li minnha l-haga tkun gejja:".*
>
> *Illi l-principji tar-reat ta' ricettazzjoni huma ben stabbiliti fil-gurisprudenza taghna. Skont il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza bl-ismijiet Il-Pulizija vs Darren Debono deciza fil-15 ta' Jannar 2009 intqal is-segwenti:*
>
> *"... ... sabiex persuna tinstab hatja ta' ricettazzjoni hu mehtieg li jikkonkorru is-segwenti tlitt rekwiziti u cioe'*
>
> *1. il-provenjenza llegittima tal-oggett in kwistjoni ossia li jkun insteraq, jew gie mehud b' qerq jew akkwistat b' reat iehor;*

*2. l-akkuzat irid ikun laqa' ghandu* ***jew*** *xtara tali oggett li ghandu provenjenza llegittima; w*

*3. fil-mument tal-akkwist, l-akkuzat kien jaf bil-provenjenza llegittima tal-oggett in kwistjoni (ara App. Krim "Il-Pulizija vs. Bugelli" [24.1.1942]; "Il-Pulizija vs. Giovanni Grima" [25.10.2002])*

*Illi l-element formali ta' dan ir-reat hu li l-akkuzat kien konsapevoli tal-provenjenza llecita tal-oggett suggett tar-ricettazzjoni. Dan ir-rekwizit jista' jigi ppruvat kemm minn provi diretti kif ukoll minn provi ndizjarji. L-istess fl-Appell Kriminali Il-Pulizija vs. John Briguglio deciza fl-24 ta' Gunju 1961 (per Harding J.) kien gie ritenut li:-*

*"Min jakkwista oggett taht cirkostanzi li fihom imissu jissuspetta li dak l-oggett kellu provenjenza illegittima, u ntant ma jaghmel xejn biex jikkontrolla dik il-provenjenza, u jaghalaq ghajnejh, huwa hati ta' din in-negligenza u kwindi ta' ricettazzjoni."*

Il-Qorti hija moralment konvinta li l-oġġetti ġew akkwistati permezz ta' ċekkijiet foloz, inxtraw mingħand Visual Electronics, Pit Stop u Brian Vella bil-parteċipazzjoni tal-imputat u li l-istess imputat kien jaf li dawn l-oġġetti kienu qegħdin jiġu akkwistati u mixtrija permezz ta' ċekkijiet foloz. Ġie ppruvat li dawn l-oġġetti wara li tad-delivery kienu jħalluhom fuq il-bankina, kienu jinġarru bil-van tal-imputat. Fil-mument li dawn l-oġġetti kienu qegħdin jinġarru bil-van tal-imputat, l-imputat kien qiegħed jilqa għandu ġol-vettura tiegħu dawn l-oġġetti.

**Għalhekk il-Qorti se ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni stante li l-Qorti tqis li din imputazzjoni tirriżulta sodisfaċentement ippruvata.**

31. **It-Tmienja u Għoxrin Imputazzjoni:** *"U aktar talli kkommetta reat li għalih hemm piena ta' priġunerija fil-perjodu operattiv ta' sentenza ta' priġunerija sospiża datata 12 ta' Novembru 2008;"*

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, l-imputat isostni li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova li l-ġudizzju ta' nhar it-12 ta' Novembru 2008 jikkostitwixxi res judicata jew kienx intavolat appell minn tali ġudizzju.

Din il-Qorti taqbel ma dan l-argument tal-imputat, għaliex filwaqt illi l-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex jixhed u jikkonferma bil-ġurament tiegħu illi tali ġudizzju jikkostitwixxi res judicata u li effettivament l-esponenti ma ntavola l-ebda appell minn tali ġudizzju, waqt ix-xhieda tiegħu l-Ispettur Christopher Pullicino filwaqt li esebixxa s-sentenza tat-12 ta' Novembru 2008, fl-ebda mument ma ndika li dik is-sentenza tikkostitwixxi res judicata għaliex ma kienx sar appell minnha. Jingħad ukoll li filwaqt li s-sentenza esibita ġiet ittimbrata bħala vera kopja fotostatika tal-oriġinal, fl-istess timbru lanqas biss hemm indikat il-persuna li ttimbrat is-sentenza esibita bħala vera kopja fotostatika tal-oriġinal u wisq anqas il-firma tal-istess persuna.

**Din il-Qorti hija tal-fehma li l-prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova sal-grad rikjest mill-liġi li l-imputat kkommetta reat li għalih hemm piena ta' priġunerija fil-perjodu operattiv ta' sentenza ta' priġunerija sospiża u għalhekk ma hijiex se ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni stante li ma ġietx ippruvata.**

32. **Id-Disa' u Għoxrin Imputazzjoni:** *"U talli jinsab reċidiv b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;"*

Il-Prosekuzzjoni esebiet il-fedina penali tal-imputat u sentenza waħda mogħtija fil-konfront tal-imputat, iżda ma nġiebet l-ebda prova li s-sentenza esibita għaddiet res judicata.

Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Abela Paul** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar l-10 ta' Sekomplittembru, 2004 meta insibu s-segwenti dictum:

> *"L-appellant gie akkuzat li sar recidiv in vista tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tal-1 ta' Lulju, 1997. Issa, fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Jason James Agius moghtija minn din il-Qorti fil-5 ta' Novembru, 2001, gie ritenut:*
>
> *"Bhal ma dejjem gie ritenut, l-ahjar prova sabiex tigi ppruvata xi akkuza bhal dawn in kwistjoni hi li tigi esibita kopja ufficjali tas-sentenza relattiva, u wara ssir il-prova tal-identita'.....l-obbligu tal-prosekuzzjoni li tesebixxi dawk is-sentenzi jibqa' dejjem, minkejja l-esenzjoni moghtija mill-akkuzat li tipproduci prova tal-identita'. Jekk ma tigix esibita jew prodotta tali prova*

*permezz tal-kopja ufficjali tas-sentenza li tissemma fl-akkuza, allura wiehed ma jistax jghid li saret l-ahjar prova dwar jekk verament precedentement l-appellant kienx ikkommetta xi reat iehor li tieghu gie misjub hati....".*

U fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Thomas Camilleri** deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-17 ta' Ġunju 2020 ingħad li:

*"Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Zahra** moghtija minn din il-Qorti fl-24 ta' Frar, 2003, intqal: "Ghalkemm il-fedina penali tista' tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali biex ikunu jistghu jikkalibraw il-piena, **l-imputazzjoni tar-recidiva dejjem tinnecessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni precedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi precedenti** kif ukoll billi jigi pruvat a sodisfazzjoni tal-qorti – permezz ta' xhieda jew minn ezami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jaghtu l-konnotati mehtiega tal-persuna kkundannata) jew minn ezami tal-atti tal-kawza ta' dik is-sentenza jew ta' dawk issentenzi precedenti – li dawk is-sentenzi jirreferu ghall-persuna li tkun qed tigi akkuzata bir-recidiva".*

Kif diġà ngħad, f'din il-kawża ġiet esibita kopja waħda ta' sentenza fil-konfront tal-imputat u fix-xhieda tiegħu l-Ispettur Christopher Pullicino filwaqt li esebixxa din l-istess sentenza, fl-ebda mument ma ndika li din is-sentenza tikkostitwixxi res judicata għaliex ma kienx sar appell minnha. Jingħad ukoll li filwaqt li s-sentenza esibita ġiet ittimbrata bħala vera kopja fotostatika tal-oriġinal, fl-istess timbru lanqas biss hemm indikat il-persuna li ttimbrat is-sentenza esibita bħala vera kopja fotostatika tal-oriġinal u wisq anqas il-firma tal-istess persuna.

F'nuqqas ta' prova ta' din il-kwalita', il-Qorti għal dak li jirrigwarda l-aggravant tar-reċidiva ma tistax tqis lill-imputat bħala reċidiv.

**Din il-Qorti hija tal-fehma li l-prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova sal-grad rikjest mill-Liġi din l-imputazzjoni u għalhekk ma hijiex se ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni stante li ma ġietx ippruvata.**

## C. **Konsiderazzjonijiet dwar il-Piena**

Għall-fini tal-piena l-Qorti ikkunsidrat il-fedina penali tal-imputat u qieset s-serjetà tal-każ. Dak li għamel l-imputat jimmerita li jiġi indirizzat b'mod iebes għaliex gidem diversi persuni li kienu qegħdin jippruvaw jaqilgħu l-għajxien tagħhom b'mod onest u bl-għaraq ta' ġbinhom. Is-sanzjoni applikabbli għalhekk jehtieġ li tkun waħda ċara u li tibgħat messagg ċar.

## D. **Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat Andy (Andre) Zammit detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 372375 (M) ħati tat-tieni (2) imputazzjoni, tat-tlettax (13) imputazzjoni, tas-sbatax (17) imputazzjoni, tal-għoxrin (20) imputazzjoni, tal-erba' u għoxrin (24) imputazzjoni, tas-sitta u għoxrin (26) imputazzjoni, tat-tmienja u għoxrin (28) imputazzjoni u tad-disa' u għoxrin (29) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u minnhom tilliberah u wara li rat l-artikoli 17, 28B, 28Ċ, 28E u 28F, 31, 42, 43 49, 50, 261(b), 261(ċ), 261(f), 261(ġ), 263, 267, 270, 271(ġ), 279(b), 280(1), 284, 285, 308, 310 (1)(a), 310 (1)(b), 334 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ssib lill-imputat Andy (Andre) Zammit detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 372375 (M) ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni, tat-tielet (3) imputazzjoni, tar-raba' (4) imputazzjoni, tal-ħames (5) imputazzjoni, tas-sitt (6) imputazzjoni, tas-seba' (7) imputazzjoni, tat-tmien (8) imputazzjoni, tad-disa' (9) imputazzjoni, tal-għaxar (10) imputazzjoni, tal-ħdax (11) imputazzjoni, tat-tnax (12) imputazzjoni, tal-erbatax (14) imputazzjoni, tal-ħmistax (15) imputazzjoni, tas-sittax (16) imputazzjoni, tat-tmintax (18) imputazzjoni, tas-dsatax (19) imputazzjoni, tal-wieħed u għoxrin (21) imputazzjoni, tat-tnejn u għoxrin (22) imputazzjoni, tat-tlieta u għoxrin (23) imputazzjoni, tal-ħamsa u għoxrin (25) imputazzjoni u ċjoe ta' serq kwalifikat bil-ħin, bil-mezz u bil-valur iżda mhux kwalifikat bix-xorta tal-ħaġa, u tas-seba' u għoxrin (27) imputazzjoni, u tikkundannah għal piena ta' priġunerija effettiva għal erba' snin li minnha għandu jitnaqqas kull żmien li l-imputat għamel il-ħabs in konnessjoni ma' dawn il-proċeduri biss.

Minħabba li f'dawn il-proċeduri ma ġewx maħtura periti jew esperti, il-Qorti qiegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni li f'każ ta' ħtija l-Qorti tikkundanna lill-akkużat għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Onor. Dr. Kevan Azzopardi**
**Magistrat**

**Josanne Gauci**
**Deputat Reġistratur**

**< Sentenza Finali >**

**-------------------------------TMIEM-------------------------------**